Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 12 ta' Settembru 2018**
**(OR. en)**

**12099/18**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0329 (COD)**

**MIGR 121**
**COMIX 490**
**CODEC 1454**

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 12 ta' Settembru 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2018) 634 final |
| Suġġett: | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (riformulazzjoni)<br>*Kontribut mill-Kummissjoni Ewropea għal-laqgħa tal-mexxejja f'Salzburg fid-19-20 ta' Settembru 2018* |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 634 final.

Mehmuż: COM(2018) 634 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.9.2018
COM(2018) 634 final

2018/0329 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (riformulazzjoni)**

***Kontribut mill-Kummissjoni Ewropea għal-laqgħa tal-mexxejja f'Salzburg fid-19-20 ta' Settembru 2018***

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Din il-proposta hija parti minn pakkett ta' miżuri proposti mill-Kummissjoni bħala segwitu għall-Kunsill Ewropew tat-28 ta' Ġunju 2018[1], li enfasizza l-ħtieġa li r-ritorn effetiv tal-migranti irregolari jiżdied b'mod sinifikanti, u laqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħmel proposti leġiżlattivi għal politika ta' ritorn aktar effettiva u koerenti. Il-prinċipji ewlenin miftiehma fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, li ġew appoġġati wkoll mill-Istati Membri f'fora differenti,[2] enfasizzaw il-ħtieġa li l-għodod tas-solidarjetà Ewropea jissaħħu, b'mod partikolari l-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, biex tiġi żgurata ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni u l-migrazzjoni u biex tiġi stabbilita politika ta' ritorn Ewropea aktar effettiva u koerenti.

Ir-ritorn effettiv ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma għandhomx id-dritt ta' soġġorn fl-UE huwa komponent essenzjali tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni[3]. Fil-livell tal-UE, il-politika ta' ritorn hija rregolata mid-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] (id-"Direttiva dwar ir-Ritorn"), li tistabbilixxi standards u proċeduri komuni li jridu jiġu applikati fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment b'rispett sħiħ tal-prinċipju ta' non-refoulement. Mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva dwar ir-Ritorn fl-2010, il-pressjoni migratorja fuq l-Istati Membri u l-Unjoni kollha kemm hi żdiedet. Riżultat ta' dan, l-isfidi relatati mar-ritorn effettiv ta' migranti irregolari hemm bżonn li jiġu indirizzati aktar minn qatt qabel.

Hemm żewġ sfidi ewlenin li jistgħu jiġu identifikati.

L-ewwel nett, l-Istati Membri jiltaqgħu ma' diffikultajiet u ostakli fil-proċeduri tar-ritorn biex jinfurzaw b'suċċess deċiżjonijiet ta' ritorn. Il-prattiki nazzjonali li jimplimentaw il-qafas tal-UE jvarjaw bejn l-Istati Membri u ma humiex effettivi daqs kemm għandhom ikunu. Fost l-oħrajn, id-definizzjonijiet u l-interpretazzjonijiet inkonsistenti tar-riskju ta' ħarba u tal-użu ta' detenzjoni jirriżultaw fil-ħarba ta' migranti irregolari u f'movimenti sekondarji. In-nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jwassal ukoll għall-ostakolar tal-proċeduri ta' ritorn. L-Istati Membri mhumiex mgħammra biżżejjed biex jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jiskambjaw l-informazzjoni meħtieġa minnufih bil-għan tat-twettiq tar-ritorni.

It-tieni nett, l-effiċjenza tal-politika ta' ritorn tal-UE tiddependi wkoll fuq il-kooperazzjoni tal-pajjiżi ta' oriġini. Matul l-aħħar tliet snin, l-isforzi sostnuti tal-UE biex timpenja lill-pajjiżi ta' oriġini ewlenin għall-kooperazzjoni fil-ġestjoni tal-migrazzjoni rriżultaw fi progress tajjeb u ddaħħlu fis-seħħ diversi arranġamenti mhux vinkolanti għar-ritorn u r-riammissjoni. L-implimentazzjoni ta' dawn l-arranġamenti bdiet u issa huwa importanti li l-Istati Membri kollha jibbenefikaw minn dawn ir-riżultati u jagħmlu użu sħiħ tal-arranġamenti biex jiżdiedu r-ritorni lejn il-pajjiżi kkonċernati. Addizzjonalment, il-Kummissjoni pproponiet ukoll li ssaħħaħ l-użu tal-politika tal-viża tal-UE bħala għodda biex jinkiseb progress dwar ir-ritorn u

[1] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-28 ta' Ġunju 2018.

[2] Id-dikjarazzjoni ta' Meseberg tal-Ġermanja u Franza "It-tiġdid tal-wegħdi tal-Ewropea ta' sigurtà u prosperità", id-19 ta' Ġunju 2018.

[3] COM(2015) 240 final.

[4] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98.

r-riammissjoni ma' pajjiżi terzi. Ladarba ssir liġi, dan se jtejjeb b'mod sinifikanti l-ingranaġġ tal-UE fir-relazzjonijiet tagħha mal-pajjiżi ta' oriġini.

Matul dawn l-aħħar ftit snin, kienet prijorità li r-ritorni jsiru aktar effettivi. Fl-2016, il-Kummissjoni pproponiet li tirrevedi l-mandat tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, li ġie mtejjeb b'mod sinifikanti fil-qasam tar-ritorn. Taħt il-mandat il-ġdid, l-Aġenzija żviluppat għodod ġodda sabiex tassisti u tappoġġa l-attivitajiet u l-proċeduri ta' ritorn tal-Istati Membri. Fil-Pjan ta' Azzjoni dwar ir-Ritorn tal-2017[5] il-Kummissjoni indikat kif in-nuqqasijiet tal-proċeduri u tal-prattiki ta' ritorn tal-Istati Membri jxekklu l-effettività tas-sistema ta' ritorn tal-UE. Il-Kummissjoni, għalhekk, adottat Rakkomandazzjoni fl-2017 li tirrakkomanda sett ta' miżuri li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri biex jagħmlu r-ritorni aktar effettivi[6], inkluż billi jagħmlu użu sħiħ tal-flessibilità pprovduta mid-Direttiva dwar ir-Ritorn. F'dik l-okkażjoni, il-Kummissjoni indikat ukoll li abbażi tal-esperjenza bl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni u skont il-ħtieġa li jittieħdu aktar azzjonijiet biex jiżdiedu b'mod sostanzjali r-rati ta' ritorn, hija lesta li tniedi reviżjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn.

Minkejja dawn l-isforzi, ftit li xejn sar progress biex tiżdied l-effettività tar-ritorni. Għall-kuntrarju, ġie osservat nuqqas fir-rata ta' ritorn fl-UE kollha minn 45,8 % fl-2016 għal 36,6 % biss fl-2017. Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin biex jiġu żgurati ritorni effettivi, reviżjoni mmirata tad-Direttiva dwar ir-Ritorn hija meħtieġa, speċjalment biex jitnaqqas it-tul tal-proċeduri ta' ritorn, tiġi żgurata rabta aħjar bejn il-proċeduri ta' asil u ta' ritorn u jiġi żgurat użu aktar effettiv ta' miżuri biex jiġi evitat li jaħarbu. Sabiex tiġi żgurata politika ta' ritorn Ewropea aktar effettiva u koerenti, konformi mad-drittijiet fundamenti kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, hija meħtieġa adozzjoni urġenti ta' riformulazzjoni mmirata tad-Direttiva dwar ir-Ritorn.

Jenħtieġ li tali riformulazzjoni mmirata:

– tistabbilixxi proċedura ġdida fuq il-fruntiera għar-ritorn rapidu ta' applikanti f'każ ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali li l-applikazzjoni tagħhom ġiet rifjutata wara proċedura ta' asil fuq il-fruntiera;

– tipprovdi regoli aktar ċari u effettivi dwar il-ħruġ ta' deċiżjonijiet ta' ritorn u dwar l-appelli kontra deċiżjonijiet bħal dawn;

– tipprovdi qafas ta' kooperazzjoni ċar bejn il-migranti irregolari u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, jiġu ssimplifikati r-regoli dwar l-għoti ta' perijodu għat-tluq volontarju u jiġi stabbilit qafas għall-għoti ta' assistenza finanzjarja, materjali u *in natura* lill-migranti irregolari li lesti jirritornaw volontarjament;

– tistabbilixxi strumenti aktar effiċjenti biex jiġu ġestiti u ffaċilitati l-ipproċessar tar-ritorni, l-iskambju tal-informazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti u l-eżekuzzjoni tar-ritorn sabiex jiskoraġġixxu l-migrazzjoni illegali;

– tiżgura koerenza u sinerġiji ma' proċeduri ta' asil;

– tiżgura użu aktar effettiv tad-detenzjoni biex tappoġġa l-infurzar tar-ritorni.

Il-bidliet immirati proposti ma jibdlux il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u lanqas ma jaffettwaw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-migranti li jeżistu bħalissa, inkluż fir-rigward tal-aħjar interessi tat-tfal, il-ħajja tal-familja u l-istat ta' saħħa. Id-Direttiva tkompli tiżgura r-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali tal-migranti, b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-refoulement.

[5] COM(2017) 200 final.
[6] COM(2017) 1600 final.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta tiżviluppa d-dispożizzjonijiet eżistenti tad-Direttiva tar-Ritorn dwar l-istandards u l-proċeduri komuni għar-ritorn effettiv tal-migranti irregolari, li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali tagħhom u l-prinċipju ta' non-refoulement.

Hija tibni speċjalment fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni mġedded tal-Kummissjoni u r-Rakkomandazzjoni dwar ir-Ritorn ta' Marzu 2017, kif ukoll fuq il-Manwal rivedut dwar ir-Ritorn adottat f'Novembru 2017[7], u tikkomplimenta l-proposta biex ikompli jissaħħaħ ir-rwol tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, bil-għan li jiġi żgurat kontroll effettiv tal-fruntieri esterni tal-UE u jissaħħaħ b'mod sinifikanti r-ritorn effettiv tal-migranti irregolari.

Barra min hekk, sabiex jiġi promoss ir-ritorn volontarju, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu programmi operazzjonali li jipprovdu titjib fl-għajnuna għar-ritorn u konsulenza, li jista' jinkludi appoġġ għar-riintegrazzjoni f'pajjiż terzi ta' ritorn, il-konsiderazzjoni ta' standards komuni dwar Ritorn Volontarju Assistit u Programmi ta' Riintegrazzjoni[8] fl-isfond ta' aktar armonizzazzjoni ta' programmi bħal dawn.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija konsistenti mal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, li żviluppat il-Linji Gwida Politiċi tal-President Juncker f'sett ta' inizjattivi koerenti u li jsaħħu lil xulxin fuq il-bażi ta' erba' pilastri. Dawn il-pilastri jikkonsistu fi tnaqqis tal-inċentiv għal migrazzjoni irregolari, fruntieri esterni sikuri u s-salvataġġ tal-ħajjiet, politika dwar l-asil b'saħħitha u politika ġdida dwar il-migrazzjoni legali.

Hija twieġeb ukoll lill-Kunsill Ewropew fit-28 ta' Ġunju 2018 li talab biex jiżdied b'mod sinifikanti r-ritorn effettiv tal-migranti irregolari u laqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħmel proposti leġiżlattivi għal politika ta' ritorn Ewropea aktar effettiva u koerenti.

Din il-proposta hija konsisteni u ssaħħaħ politiki oħrajn tal-Unjoni, inklużi:

- Is-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil bis-sinerġiji li qed jiżdiedu bejn il-proċeduri tal-asil u tar-ritorn, speċjalment fil-kuntest ta' proċeduri tal-fruntieri;
- Ir-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, li jkompli jsaħħaħ il-mandat tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-qasam tar-ritorn. Barra minn hekk, din il-proposta tobbliga li jiġu stabbiliti sistemi nazzjonali għall-ġestjoni tar-ritorn li jenħtieġ li jikkomunikaw mas-sistema ċentrali stabbilita minn dik l-Aġenzija, f'konformità mal-proposta l-ġdida għar-Regolamanet tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta li hija parti minn dan il-pakkett leġiżlattiv.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Din il-proposta tfassal mill-ġdid id-Direttiva dwar ir-Ritorn u għalhekk għandha tkun ibbażata fuq l-Artikolu 79(2)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jagħti s-setgħa lill-Unjoni biex tadotta l-miżuri fil-qasam tal-immigrazzjoni illegali u r-residenza mhux awtorizzata, inkluż it-tneħħija u r-ripatrijazzjoni ta' persuni li joqogħdu fil-pajjiż mingħajr awtorizzazzjoni.

---

[7] C(2017) 6505.

[8] Standards komuni mhux vinkolanti għal Programmi ta' Ritorn Volontarju Assistit (u Riintegrazzjoni) implimentati mill-Istati Membri (8829/16).

- **Ġeometrija varjabbli**

Fir-rigward ta' ġeometrija varjabbli, din il-proposta ssegwi sistema komparabbli mad-Direttiva dwar ir-Ritorn attwali.

Skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattati, id-Danimarka għandha tiddeċiedi fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar dan ir-Regolament, jekk tkunx se timplimenta din il-proposta, li tibni fuq l-acquis ta' Schengen, fil-liġi nazzjonali tagħha.

Fir-rigward tar-Renju Unit u l-Irlanda, id-Direttiva dwar ir-Ritorn tippreżenta karattru ibridu, kif rifless fil-premessi (48) u (49) tagħha. Minn dan isegwi li kemm il-Protokoll 19 dwar l-acquis ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea anness mat-Trattati, kif ukoll il-Protokoll 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja annessi mat-Trattati, japplikaw għal din il-proposta.

Fuq il-bażi tal-ftehimiet rispettivi li jassoċjaw dawn il-pajjiżi mal-implimentazzjoni, jenħtieġ li l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, l-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein ikunu marbuta bid-Direttiva proposta.

- **Sussidjarjetà**

L-objettiv ta' din il-proposta huwa li tindirizza n-nuqqasijiet u l-ostakli li jiltaqgħu magħhom l-Istati Membri meta jwettqu r-ritorni. Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u r-ritorn ta' dawk ma għandhomx dritt legali li jibqgħu huwa interess komuni tal-Istati Membri kollha, li l-Istati Membri ma jistgħux jiksbu waħedhom. Hija meħtieġa aktar azzjoni tal-UE, għalhekk, biex titjieb l-effettività tal-politika tar-ritorn, b'rispett sħiħ tal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

- **Proporzjonalità**

Flimkien mal-proposta għal mandat estiż għall-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, din il-proposta hija maħsuba biex twieġeb għall-isfidi li taffaċċja l-Unjoni fir-rigward tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u r-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment. Hija ssaħħaħ u tagħmel parti mill-qafas ta' politika ta' ritorn ġenerali li diġà huwa fis-seħħ, li jikkonsisti wkoll f'għodod u programmi ta' appoġġ operazzjonali, kif ukoll f'mekkaniżmi ta' finanzjament disponibbli lill-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet involuti fir-ritorn. Il-bidliet fid-Direttiva dwar ir-Ritorn huma limitati u mmirati, bil-għan li jiġi indirizzat b'mod effettiv in-nuqqas ewlieni ta' proċeduri tar-ritorn u li jitnaqqsu l-ostakli li l-Istati Membri jiltaqgħu magħhom meta jwettqu r-ritorni, filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati. Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi.

- **Għażla tal-istrument**

Id-Direttiva dwar ir-Ritorn diġà tinkludi sett robust ta' standards għal ritorn effettiv u dinjituż ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment. Din il-proposta hija maħsuba biex tipprevedi bidliet immirati f'dik id-Direttiva, bil-għan li jiġu indirizzati ċerti nuqqasijiet u ostakli li jiltaqgħu magħhom l-Istati Membri meta jwettqu r-ritorni. Peress li din il-proposta trid tfassal mill-ġdid id-Direttiva dwar ir-Ritorn, l-istess strument legali huwa l-aktar wieħed xieraq.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u ta' monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen[9] u l-informazzjoni miġbura permezz ta' Grupp ta' Esperti tar-Ritorn tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni (EMN REG - Return Expert Group of the European Migration Network) u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta ppermettew valutazzjoni komprensiva ta' kif l-Istati Membri jimplimentaw il-politika tal-Unjoni dwar ir-ritorn.

Mill-2015, meta seħħet l-ewwel evalwazzjoni fil-qasam tar-ritorn, ġew identifikati diversi elementi trasversali li huma komuni għal dawk is-sitwazzjonijiet u s-sistemi ta' ritorn nazzjonali vvalutati sa issa (f'21 Stat Membru u fil-pajjiżi assoċjati ma' Schengen).

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru 2016, il-Kunsill Ewropew sejjaħ biex jissaħħu l-proċessi amministrattivi nazzjonali għar-ritorni. Id-Dikjarazzjoni ta' Malta tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern ta' Frar 2017 enfasizzat il-ħtieġa għal rieżami tal-politika ta' ritorn tal-UE abbażi ta' analiżi oġġettiva tal-mod li bih l-għodod legali, operazzjonali, finanzjarji u prattiċi disponibbli fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni jiġu applikati. Din laqgħet l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta malajr Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar ir-Ritorn aġġornat u tipprovdi gwida għal ritorni aktar operazzjonali mill-UE u mill-Istati Membri u għal riammissjoni effettiva abbażi tal-acquis eżistenti. Fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE tagħha tal-2015 u sussegwentement fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2017 dwar politika ta' ritorn aktar effettiva u r-Rakkomandazzjoni li takkompanjaha, il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa għal infurzar tar-regoli tal-UE dwar ir-ritorn sabiex tiżdied l-effettività ġenerali tal-politika ta' ritorn tal-UE. Fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2018, il-Kunsill Ewropew laqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħmel proposti leġiżlattivi għal politika ta' ritorn Ewropea aktar effettiva u koerenti.

Matul dawn l-aħħar sentejn, in-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni kkontribwixxa għal studji speċjalizzati, tfittxijiet *ad hoc* u jinforma dwar l-effettività tar-ritorn fl-Istati Membri tal-UE, alternattivi għad-detenzjoni, skemi ta' ritorn volontarju assistit u ta' riintegrazzjoni, id-detenzjoni u l-kondizzjonijiet materjali ta' detenzjoni, l-assistenza legali fil-faċilitajiet ta' detenzjoni u suġġetti oħra.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Twettqu skambji fil-livell tekniku dwar l-isfidi ta' implimentazzjoni attwali mill-Istati Membri fil-kuntest tal-Grupp ta' Kuntatt dwar ir-Ritorn, l-EMN REG u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta li rriżultaw, b'mod partikolari, f'reviżjoni tal-Manwal dwar ir-Ritorn u fir-riċerka tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni fuq l-"effettività tar-ritorn fl-Istati Membri tal-UE". Ir-riċerka mmirat li tanalizza l-impatt tar-regoli tal-UE dwar ir-ritorn – inkluż id-Direttiva dwar ir-Ritorn u l-każistika relatata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea – dwar il-politiki u l-prattiki ta' ritorn tal-Istati Membri u b'hekk dwar l-effettività tal-proċess ta' ritorn fl-UE kollha.

[9] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen, ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

It-titjib fl-effettività tar-ritorni kien prijorità għall-Kummissjoni tul dawn l-aħħar snin. Għal dan il-għan, ir-Regolament tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-mandat il-ġdid sussegwenti għamel titjib sinfikanti fil-qasam tar-ritorn. Barra minn hekk, il-Pjan ta' Azzjoni mġedded dwar ir-Ritorn u r-Rakkomandazzjoni li tagħmel ir-ritorn aktar effettiv, ippubblikati f'Marzu 2017, indikaw kif in-nuqqasijiet fil-proċeduri u l-prattiki ta' ritorn tal-Istati Membri xekklu l-effettività tas-sistema ta' ritorn. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni u l-Istati Membri bdew konsultazzjonijiet tekniċi biex janalizzaw l-isfidi attwali fir-ritorni u biex jidentifikaw in-nuqqasijiet, u rrikonoxxew il-ħtieġa ta' reviżjonijiet immirati tal-leġislazzjoni eżistenti. Dawn il-konsultazzjonijiet u l-analiżi sussegwenti tal-kwistjonijiet ewlenin inkwistjoni, rriżultaw fir-reviżjoni tal-Manwal dwar ir-Ritorn f'Novembru 2017. Is-soċjetà ċivili ġiet ikkonsultata wkoll u, barra minn hekk, il-ħidma mwettqa skont il-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni ta' Schengen ipprovdiet ħarsa ġenerali dettaljata lejn il-kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati fil-qasam tar-ritorn. Permezz tal-proċessi ta' hawn fuq, il-partijiet ikkonċernati setgħu jidentifikaw kemm l-impedimenti legali u prattiċi għall-implimentazzjoni effettiva tar-ritorni fil-kuntest tad-Direttiva dwar ir-Ritorn kif ukoll biex jaċċertaw il-ħtieġa għal reviżjoni mmirata tad-Direttiva.

Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2018, il-Kunsill Ewropew laqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħmel proposti leġiżlattivi għal politika ta' ritorn Ewropea aktar effettiva u koerenti. Meta jitqies li twettqet valutazzjoni fil-fond tal-kwistjonijiet ewlenin fil-qasam tar-ritorn, l-urġenza li biha jeħtieġ li jiġu ppreżentati l-proposti leġiżlattivi u wkoll ir-rikonoxximent li r-reviżjoni tad-Direttiva eżistenti hija l-għażla l-aktar xierqa kemm f'termini ta' sustanza kif ukoll ta' żmien, valutazzjoni tal-impatt ta' din il-proposta mhijiex meqjusa meħtieġa.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Artikoli 2 u 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

B'mod partikolari, din il-proposta tirrispetta bis-sħiħ id-dinjità tal-bniedem, id-dritt għall-ħajja, il-projbizzjoni tat-tortura u ta' trattament jew kastig inuman jew degradanti, id-dritt għal-libertà u għas-sigurtà, id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali, id-dritt għall-asil u l-protezzjoni f'każ ta' tneħħija u espulsjoni, il-prinċipji ta' non-refoulement u ta' nondiskriminazzjoni, id-dritt ta' rimedju effettiv, u d-drittijiet tat-tfal.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma timponi l-ebda piż finanzjarju jew amministrattiv fuq l-Unjoni. Għalhekk ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien tlett snin mid-dħul fis-seħħ tagħha, u kull tlett snin wara dan; f'din l-okkażjoni, il-Kummissjoni tista' tipproponi kwalunkwe emenda li tikkunsidra meħtieġa.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-għan tal-bidliet immirati ta' din il-proposta huwa li tittejjeb l-effiċjenza tal-proċedura ta' ritorn, inkluża l-artikolazzjoni tagħha mat-tmiem tal-proċeduri tal-asil. Il-bidliet immirati ma jemendawx is-salvagwardji u d-drittijiet ta' ċittadini terzi u jirrispettaw id-drittijiet fundamentali tagħhom, b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-refoulement.

L-ispjegazzjonijiet għall-bidliet introdotti fir-rigward ta':

**1) Riskju ta' ħarba (l-Artikolu 6):** hemm ħtieġa qawwija għal kriterji oġġettivi fl-UE kollha għad-determinazzjoni tal-eżistenza jew le tar-riskju ta' ħarba, inklużi movimenti sekondarji mhux awtorizzati. Biex jiġu evitati interpretazzjonijiet diverġenti jew mhux effettivi, il-proposta tistabbilixxi lista komuni, mhux eżawrjenti ta' kriterji oġġettivi biex tiġi ddeterminata l-eżistenza tar-riskju ta' ħarba bħala parti mill-valutazzjoni kumplessiva taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali.

**2) Obbligu ta' kooperazzjoni (l-Artikolu 7)**: ġie osservat dejjem aktar li mhux iċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi jikkooperaw matul il-proċeduri ta' ritorn u b'hekk ikunu qed jostakolaw ir-ritorn tagħhom. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi introdott obbligu espliċitu għal ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jikkooperaw mal-awtoritajiet nazzjonali fl-istadji kollha tal-proċeduri ta' ritorn, b'mod partikolari biex tiġi stabbilita u vverifikata l-identità tagħhom fid-dawl tal-kisba ta' dokument ta' vjaġġar validu u biex jiġi żgurat infurzar b'suċċess tad-deċiżjoni ta' ritorn. Dan jirrifletti obbligu simili ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti li diġà jeżisti u japplika fil-kuntest tal-proċeduri tal-asil.

**3) Ħruġ ta' deċiżjoni ta' ritorn b'rabta mat-tmiem ta' soġġorn legali (l-Artikolu 8):** minħabba l-fatt li l-Istati Membri ma joħorġux deċiżjonijiet ta' ritorn b'mod sistematiku b'rabta mat-tmiem ta' soġġorn legali, il-proposta tiċċara l-ħtieġa li tinħareġ deċiżjoni ta' ritorn immedjatament wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni li tirrifjuta jew ittemm is-soġġorn legali. Meta deċiżjoni ta' ritorn tinħareġ immedjatament wara jew fl-istess att bħal deċiżjoni li tiċħad applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn tiġi sospiża sakemm ir-rifjut isir finali, f'konformità mal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

**4) Tluq volontarju (l-Artikolu 9)**: hemm bżonn li r-regoli għall-għoti ta' perijodu għat-tluq volontarju jiġu adattati. Tali perijodu ma għandux ikun itwal minn 30 jum, kif diġà previst fid-Direttiva dwar ir-Ritorn attwalment fis-seħħ. Madankollu, meta jiġi determinat il-perijodu għat-tluq volontarju, din il-proposta ma timponix aktar li jingħata minimu ta' sebat ijiem. Dan jippermetti lill-Istati Membri jiddeċiedu dwar perijodu iqsar. Il-proposta tistabbilixxi wkoll għadd ta' każijiet li fihom isir mandatorju li ma jingħatax perijodu għat-tluq volontarju.

**5) Projbizzjonijiet fuq id-dħul maħruġa waqt verifiki fuq il-fruntiera mal-ħruġ (l-Artikolu 13):** meta ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment jiġi identifikat għall-ewwel darba hu u ħiereġ mill-Unjoni, f'ċerti ċirkostanzi jista' jkun xieraq li tiġi imposta projbizzjoni fuq id-dħul biex jiġi evitat id-dħul mill-ġdid u jitnaqqsu r-riskji tal-immigrazzjoni illegali. Fl-istess ħin, dan ma għandux idewwem it-tluq tiegħu jew tagħha, minħabba li l-persuna tkun diġà waslet biex titlaq mit-territorju tal-Istati Membri. Din il-proposta tintroduċi l-possibbiltà għall-Istati għall-Istati Membri li jimponu projbizzjoni fuq id-dħul mingħajr ma joħorġu deċiżjoni ta' ritorn wara valutazzjoni każ b'każ u wara li jikkunsidraw il-prinċipju tal-proporzjonalità.

**6) Ġestjoni tar-ritorn (l-Artikolu 14)**: proċeduri ta' ritorn effiċjenti jeħtieġu sturmenti li jippermettu li l-informazzjoni ssir disponibbli minnufih lill-awtoritajiet kompetenti u skemi operazzjonali li jipprovdu għajnuna tar-ritorn u konsulenza mtejba lill-persuni rimpatrijati, b'appoġġ operazzjonali u finanzjarju xieraq tal-UE. Il-proposta tistabbilixxi l-obbligu li jkun

hemm sistemi ta' ġestjoni tar-ritorn nazzjonali li jipprovdu informazzjoni fil-ħin dwar l-identità u s-sitwazzjoni legali taċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi li jkunu rilevanti għall-monitoraġġ u li jsegwu l-każijiet individwali. Dawn għandhom ikunu marbuta ma' sistema ċentrali stabbilita mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta f'konformità mar-Regolament ġdid li huwa parti minn dan il-pakkett.

Il-proposta tistabbilixxi wkoll obbligu għall-Istati Membri biex jistabbilixxu programmi ta' ritorn volontarju li jistgħu jinkludu wkoll appoġġ għar-riintegrazzjoni.

**7) Rimedji u appelli (l-Artikolu 16)**: l-effettività u l-veloċità tal-proċeduri ta' ritorn hemm bżonn li jkunu ikkomplimentati b'salvagwardji xierqa. L-iskadenzi stipulati biex isiru appelli kontra d-deċiżjonijiet tar-ritorn ivarjaw b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri, b'differenza li tvarja minn ftit jiem sa xahar jew aktar. F'konformità mad-drittijiet fundamentali, jeħtieġ li l-iskadenza tipprovdi biżżejjed żmien biex jiġi żgurat aċċess għal rimedju effettiv, filwaqt li ma jiddewmux il-proċeduri ta' ritorn.

Il-proposta tipprevedi limitu ta' żmien speċifiku (ħamest ijiem) għat-tressiq ta' appelli kontra deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa f'każijiet fejn id-deċiżjoni ta' ritorn tkun konsegwenza ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li saret finali.

Jekk ir-riskju ta' ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement ma jkunx diġà ġie vvalutat minn awtorità ġudizzjarja fi proċeduri ta' asil, irid jingħata effett sospensiv awtomatiku tal-appell kontra deċiżjoni ta' ritorn. Dan huwa l-uniku każ obbligatorju fejn l-effett sospensiv awtomatiku għandu jingħata skont din il-proposta, mingħajr preġudizzju għall-obbligu għall-awtoritajiet kompetenti jew korpi tal-Istati Membri li jkollhom il-possibbiltà li jissospendu temporanjament l-infurzar ta' deċiżjoni ta' ritorn f'każijiet individwali fejn jitqies neċessarju għal raġunijiet oħra. Tali deċiżjoni dwar sospensjoni temporanja għandha ssir malajr, fi żmien 48 siegħa bħala regola.

Il-proposta tistabbilixxi wkoll li livell wieħed biss tar-rimedju ġudizzjarju jenħtieġ li jkun disponibbli biex isir appell kontra deċiżjoni ta' ritorn li hija r-riżultat ta' deċiżjoni negattiva preċedenti dwar applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, li diġà kienet soġġetta għal rimedju ġudizzjarju.

Finalment, tkompli tarmonizza r-regoli biex jipprovdu, fuq talba, għajnuna legali u/jew rappreżentazzjoni mingħajr ħlas, f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti skont l-acquis dwar l-asil.

**8) Detenzjoni (l-Artikolu 18)**: hemm il-bżonn ta' bidliet immirati fir-regoli dwar id-detenzjoni. L-ewwel nett, f'dawn l-aħħar snin ħarġu riskji ġodda, li jagħmluha neċessarja li ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment li jkunu ta' theddida għall-ordni pubblika jew is-sigurtà nazzjonali jistgħu jinżammu f'detenzjoni jekk ikun meqjus meħtieġ. Filwaqt li din hija raġuni ġdida għad-detenzjoni fil-kuntest ta' proċeduri ta' ritorn, din ir-raġuni għal detenzjoni diġà teżisti fl-acquis dwar l-asil.

It-tieni nett, il-perijodu massimu ta' detenzjoni stabbilit attwalment minn diversi Stati Membri huwa ferm iqsar minn dak permess mid-Direttiva dwar ir-Ritorn, u qed jipprekludi tneħħijiet effettivi. Filwaqt li l-perijodu massimu għal detenzjoni ta' sitt xhur u l-possibbiltà ta' estenjoni f'ċirkostanzi speċifiċi mhumiex immodifikati, din il-proposta tirrikjedi li l-leġislazzjoni nazzjonali tipprevedi mhux inqas minn tliet xhur bħala perijodu minimu inizjali ta' detenzjoni, sabiex tirrifletti b'mod aktar xieraq ż-żmien meħtieġ biex jitwettqu b'suċċess proċeduri ta' ritorn u ta' riammissjoni ma' pajjiżi terzi. Madankollu, id-detenzjoni trid tkun għal perijodu kemm jista' jkun qasir u tinżamm biss sakemm l-arranġamenti ta' tneħħija jkunu qed isiru u jitwettqu bid-diliġenza dovuta.

**9) Proċedura fuq il-fruntiera (l-Artikolu 22)**: Filwaqt li żżomm il-possibbiltà li l-Istati Membri jidderogaw mill-applikazzjoni tar-regoli tad-Direttiva dwar ir-ritorn għal każijiet fuq il-fruntiera koperti mill-Artikollu 2(2)(a), il-proposta tipprevedi regoli speċifiċi, simplifikati applikabbli għal ċittadini ta' pajiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment li ġew soġġetti għal proċeduri tal-asil fuq il-fruntiera: il-ħruġ ta' deċiżjoni permezz ta' forma simplifikata, l-ebda perijodu għal ritorn volontarju ma ġie mogħti bħala regola (minbarra jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikollu dokument validu tal-ivvjaġġar u jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali), skadenza aktar qasira għat-tressiq tal-appell, raġuni speċifika għad-detenzjoni. Din il-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera se ssegwi l-proċedura tal-asil fuq il-fruntieri. Sabiex jiġi ffaċilitat ir-ritorn, huwa propost li jiġi żgurat li ċittadin ta' pajjiż terz li diġà jkun inżamm f'detenzjoni matul l-eżami tal-applikazzjoni tiegħu jew tagħha għal protezzjoni internazzjonali bħala parti mill-proċedura tal-asil fuq il-fruntiera jista' jinżamm f'detenzjoni għal perijodu massimu ta' erba' xhur skont il-proċedura tal-fruntiera għar-ritorn. Jekk id-deċiżjoni ta' ritorn tkun infurzata matul dak il-perijodu, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jista' jkompli jinżamm detenut jekk waħda mill-kondizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet relatati mar-regoli ġenerali dwar id-detenzjoni jiġu ssodisfati u għall-perijodu ta' detenzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 18.

➜ 2008/115/KE (adattat)

2018/0329 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (riformulazzjoni)**

***Kontribut mill-Kummissjoni Ewropea għal-laqgħa tal-mexxejja f'Salzburg fid-19-20 ta' Settembru 2018***

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat ~~li jistabbilixxi l-Komunitjiet Ewropej~~ ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫, u b'mod partikolari l-Artikolu ~~63(3)(b)~~ ⌦ 79(2)(c) ⌫ tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

⇩ ġdid

(1) Għandhom isiru numru ta' emendi fid-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10]. Fl-interess taċ-ċarezza, jenħtieġ li dik id-Direttiva tiġi riformulata.

(2) Politika ta' ritorn effettiva u ġusta hija parti essenzjali mill-approċċ tal-Unjoni biex iġġestixxi aħjar il-migrazzjoni fl-aspetti kollha, kif rifless fl-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni f'Mejju 2015[11].

(3) Fit-28 ta' Ġunju 2018, fil-konklużjonijiet tiegħu, il-Kunsill Ewropew enfasizza l-ħtieġa li r-ritorn effettiv tal-migranti irregolari jiżdied b'mod sinifikanti, u laqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħmel proposti leġiżlattivi għal politika ta' ritorn aktar effettiva u koerenti.

[10] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98).

[11] COM (2015) 285 final.

🡻 2008/115/KE premessa 1 (adattat)

~~Il-Kunsill Ewropew ta' Tampere tal-15 u s-16 ta' Ottubru 1999 stabbilixxa approċċ koerenti fil-qasam ta' l-immigrazzjoni u l-asil, li jittratta flimkien il-ħolqien ta' sistema komuni ta' asil, il-politika dwar l-immigrazzjoni illegali u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali.~~

---

🡻 2008/115/KE premessa 2 (adattat)

~~Il-Kunsill Ewropew ta' Brussell ta' l-4 u l-5 ta' Novembru 2004 sejjaħ għat-twaqqif ta' politika effettiva ta' tneħħija u ripatrijazzjoni, mibnija fuq standards komuni, għar-ritorn ta' persuni b'mod uman u b'rispett sħiħ lejn id-drittijiet fundamentali u tad-dinjità tagħhom.~~

---

🡻 2008/115/KE premessa 3 (adattat)

~~Fl-4 ta' Mejju 2005 il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill ta' l-Ewropa adotta "Għoxrin linja gwida dwar ir-ritorn furzat".~~

---

🡻 2008/115/KE premessa 4 (adattat)
⇨ ġdid

(4) ⌦ Jenħtieġ li din il-politika ta' ritorn Ewopea tkun ibbażata fuq standards komuni, għal persuni li jridu jiġu ritornati b'mod uman u b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali u tad-dinjità tagħhom ⌫ ⇨, kif ukoll għal-liġi internazzjonali, inkluż għall-protezzjoni tar-refuġjati u għall-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem. ⇦Hemm bżonn li ⌦ jiġu stabbiliti ⌫ ~~jitfasslu~~ regoli ċari, trasparenti u ġusti biex ikun hemm politika ta' ritorn effettiva ~~bħala element neċessarju ta' politika tal-migrazzjoni li tkun ġestita b'mod tajjeb~~ ⇨ li sservi ta' deterrent għall-migrazzjoni irregolari u tiżgura koerenza mal-integrità tas-Sistema Ewropea Komuni ta' Asil u s-sistema ta' migrazzjoni legali ⇦ .

---

🡻 2008/115/KE premessa 5

(5) Din id-Direttiva jenħtieġ li~~għandha~~ tistabbilixxi sett ta' regoli orizzontali, applikabbli għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' dħul, soġġorn jew residenza fi Stat Membru.

---

🡻 2008/115/KE premessa 6

(6) L-Istati Membri jenħtieġ li~~għandhom~~ jiżguraw li t-tmiem ta' soġġorn illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jitwettaq permezz ta' proċedura ġusta u trasparenti. Skont il-

prinċipji ġenerali tal-liġi tal-UE, deċiżjonijiet meħuda skont din id-Direttiva jenħtieġ ligħandhom jiġu adottati fuq bażi ta' każ b'każ u abbażi ta' kriterji oġġettivi, li jimplika li jenħtieġ li l-konsiderazzjoni għandhatmur lil hinn mis-sempliċi fatt ta' soġġorn illegali. Meta jużaw forom standard għal deċiżjonijiet relatati mar-ritorn, jiġifieri deċiżjonijiet ta' ritorn u, jekk maħruġa, deċiżjonijiet li jipprojbixxu d-dħul u deċiżjonijiet dwar it-tneħħija, jenħtieġ li l-Istati Membri għandhom jirrispettaw dak il-prinċipju u jikkonformaw bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet applikabbli kollha ta' din id-Direttiva.

---

⇩ ġdid

(7) Ir-rabta bejn id-deċiżjoni dwar it-tmiem ta' soġġorn legali ta' ċittadin ta' pajjiż terz u l-ħruġ ta' deċiżjoni ta' ritorn jenħtieġ li tiġi rinforzata sabiex jitnaqqsu r-riskju ta' ħarba u l-probabbiltà ta' movimenti sekondarji mhux awtorizzati. Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li deċiżjoni ta' ritorn tinħareġ immedjatament wara d-deċiżjoni li tirrifjuta jew ittemm is-soġġorn legali, jew idealment fl-istess att jew deċiżjoni. Jenħtieġ li dan ir-rekwiżit japplika b'mod partikolari għal każijiet fejn applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tiġi rifjutata, dment li l-proċedura ta' ritorn tiġi sospiża sakemm dak ir-rifjut isir finali u sakemm joħroġ l-eżitu tal-appell kontra dak ir-rifjut.

---

🡻 2008/115/KE premessa 7 (adattat)

(8) Huwa sottolineat il-bżonn ta' ftehim ta' riammissjoni Komunitarju ⌦ tal-Unjoni ⌫ u dawk bilaterali ma' pajjiżi terzi biex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' ritorn. Il-kooperazzjoni internazzjonali ma' pajjiżi ta' oriġini hija prerekwiżit fl-istadji kollha tal-proċess ta' ritorn biex jinkiseb ritorn sostenibbli.

---

🡻 2008/115/KE premessa 8

(9) Huwa rikonoxxut li huwa leġittimu għall-Istati Membri li jirritornaw ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment sakemm dawn ikollhom fis-seħħ sistemi ta' asil ġusti u effiċjenti li jirrispettaw b'mod sħiħ il-prinċipju ta' non-refoulement.

---

🡻 2008/115/KE premessa 9

(10) Skont id-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE ta' l-1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għall-proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar ta' l-istatus ta' rifuġjat,[12], ċittadin ta' pajjiż terz li jkun applika għal asil fi Stat Membru ma għandux ikun meqjus bħala li qiegħed illegalment fit-territorju tal-Istat Membru sakemm ma tidħolx fis-seħħ deċiżjoni negattiva fir-rigward tal-applikazzjoni jew deċiżjoni li ttemm id-dritt ta' soġġorn tiegħu jew tagħha biex ifittex asil.

---

[12] Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat (ĠU L 326, 13.12.2005, p. 13).

⇩ ġdid

(11) Sabiex jiġu żgurati regoli aktar ċari u aktar effettivi għall-għoti ta' perijodu għat-tluq volontarju u d-detenzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz, id-determinazzjoni jekk hemmx riskju ta' ħarba jenħtieġ li tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi għall-Unjoni kollha. Barra minn hekk, din id-Direttiva jenħtieġ li tistabbilixxi kriterji speċifiċi li jistabbilixxu bażi għal suppożizzjoni konfutabbli li jeżisti riskju ta' ħarba.

(12) Sabiex tiġi rinforzata l-effettività tal-proċedura ta' ritorn, jenħtieġ li jiġu stabbiliti responsabbiltajiet ċari għal ċittadini ta' pajjiżi terzi, u b'mod partikolari l-obbligu li jikkooperaw mal-awtoritajiet fl-istadji kollha tal-proċedura ta' ritorn, inkluż billi jiġu pprovduti l-informazzjoni u l-elementi li huma meħtieġa sabiex tiġi vvalutata s-sitwazzjoni individwali tagħhom. Fl-istess ħin, hemm bżonn li jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu infurmati dwar il-konsegwenzi li ma jikkonformawx ma' dawk l-obbligi, fir-rigward tad-determinazzjoni tar-riskju ta' ħarba, l-għoti ta' perijodu għat-tluq volontarju u l-possibbiltà li tiġi imposta detenzjoni, u għall-aċċess għal programmi li jipprovdu materjal loġistiku, finanzjarju u materjal ieħor jew assistenza *in natura*.

---

🠗 2008/115/KE premessa 10 (adattat)
⇨ ġdid

(13) Fejn ma jkun hemm l-ebda raġuni għal xiex wieħed għandu jaħseb li ⌦ l-għoti ta' perijodu għal tluq volontarju ⌫ ~~dan~~ se jimmina l-iskop tal-proċedura tar-ritorn, jenħtieġ li~~għandu~~ jkun ippreferut ir-ritorn volontarju aktar milli ritorn bil-forza u żmien ⇨ xieraq ⇦ għat-tluq volontarju ⇨ sa tletin jum, li jiddependi b'mod partikolari fuq il-prospett tar-ritorn, ⇦. ⇨ Il-perijodu għat-tluq volontarju ma għandux jingħata fejn ġie vvalutat li ċittadini ta' pajjiżi terzi joħolqu riskju ta' ħarba, kellhom applikazzjoni għal soġġorn legali preċedenti rifjutata bħala frodulenti jew manifestament infondata, jew jekk ikunu ta' riskju għall-politika pubblika, is-sigurtà pubblika jew is-sigurtà nazzjonali. ⇦ ⇨ Jenħtieġ li estensjoni tal-perijodu għat-tluq volontarju tiġi prevista jekk tkun ikkunsidrata meħtieġa minħabba ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' każ individwali ⇦. ~~Sabiex jippromwovu r-ritorn volontarju, l-Istati Membri għandhom jipprevedu aktar assistenza u pariri fir-rigward tar-ritorn u jagħmlu l-aħjar użu mill-possibiltajiet ta' finanzjament rilevanti offruti taħt il-Fond Ewropew għar-Ritorn.~~

---

⇩ ġdid

(14) Sabiex jiġi promoss ir-ritorn volontarju, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom programmi operazzjonali fis-seħħ li jipprovdu assistenza għar-ritorn u konsulenza, li jistgħu jinkludu appoġġ għar-riintegrazzjoni f'pajjiżi terzi ta' ritorn, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-istandards komuni dwar Ritorn Volontarju Assistit u l-Programmi ta' Riintegrazzjoni żviluppati mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u appoġġati mill-Kunsill.

↓ 2008/115/KE premessa 11

(15) Jenħtieġ liGħandu jiġi stabbilit sett minimu ta' salvagwardji legali dwar deċiżjonijiet relatati mar-ritorn biex tiġi żgurata protezzjoni effettiva tal-interessi tal-individwi konċernati.

⇩ ġdid

(16) Jenħtieġ li l-iskadenza għat-tressiq ta' appell kontra deċiżjonijiet relatati mar-ritorn tipprovdi biżżejjed żmien biex jiġi żgurat aċċess għal rimedju effettiv, filwaqt li jitqies li skadenzi twal jista' jkollhom effett detrimentali fuq il-proċeduri ta' ritorn. Sabiex jiġi evitat użu ħażin possibbli ta' drittijiet u proċeduri, jenħtieġ li jingħata perijodu massimu li ma jkunx iktar minn ħamest ijiem biex isir appell kontra deċiżjoni ta' ritorn. Din id-dispożizzjoni jenħtieġ li tapplika biss wara deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li saret finali, inkluż wara rieżami ġudizzjarju possibbli.

(17) Jenħtieġ li l-appell kontra deċiżjoni ta' ritorn li tkun ibbażata fuq deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li diġà kienet soġġetta għal rimedju ġudizzjarju effettiv, iseħħ quddiem livell wieħed biss ta' ġuriżdizzjoni, peress li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat diġà kellu s-sitwazzjoni individwali eżaminata u deċiża minn awtorità ġudizzjarja fil-kuntest tal-proċedura tal-asil.

(18) Appell kontra deċiżjoni ta' ritorn jenħtieġ li jkollu effett sospensiv awtomatiku biss f'każijiet fejn ikun hemm riskju ta' ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement.

(19) F'każijiet fejn il-prinċipju ta' non-refoulement ma' jkunx f'riskju, jenħtieġ li l-appelli kontra d-deċiżjoni ta' ritorn ma jkollhomx effett sospensiv awtomatiku. Jenħtieġ li l-awtoritajiet ġudizzjarji jkunu jistgħu jissospendu temporanjament l-infurzar ta' deċiżjoni ta' ritorn f'każijiet individwali għal raġunijiet oħra, jew fuq talba taċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat jew billi jaġixxu *ex officio*, meta jkun meħtieġ. Jenħtieġ li tali deċiżjonijiet, bħala regola, jittieħdu fi żmien 48 siegħa. Fejn ikun iġġustifikat mill-kumplessità tal-każ, jenħtieġ li l-awtoritajiet ġudizzjarji jieħdu deċiżjoni bħal din mingħajr dewmien.

(20) Sabiex tittejjeb l-effettività tal-proċeduri ta' ritorn u jiġi evitat dewmien mhux meħtieġ, mingħajr ma jiġu affettwati b'mod negattiv id-drittijiet taċ-ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat, jenħtieġ li l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn ikun sospiż awtomatikament f'każijiet fejn il-valutazzjoni tar-riskju li jinkiser il-prinċipju ta' non-refoulment tkun diġà seħħet u r-rimedju ġudizzjarju jkun ġie eżerċitat b'mod effetiv bħala parti mill-proċedura tal-asil imwettqa qabel il-ħruġ tad-deċiżjoni ta' ritorn relatata li l-appell ġie mressaq kontra tagħha, sakemm is-sitwazzjoni taċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat ma tkunx inbidlet b'mod sinfikanti.

↓ 2008/115/KE premessa 11 (adattat)
⇨ ġdid

(21) L-għajnuna legali meħtieġa jenħtieġ ligħandha tkun disponibbli ⇨ , fuq talba, ⇦ għal dawk li ma jkollhomx il-mezzi neċessarji. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-lIl-Leġislazzjoni nazzjonali ⌦ jenħtieġ li tistabbilixxi lista ta' istanzi fejn ⌫ f'liema każijiet l-għajnuna legali għandha titqies bħala neċessarja.

↓ 2008/115/KE premessa 12

(22) Jenħtieġ liGħandha tiġi indirizzata s-sitwazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, iżda li għadhom ma jistgħux jiġu mneħħija. Il-kondizzjonijiet bażiċi tagħhom ta' sussistenza jenħtieġ ligħandhom jiġu definiti skont il-leġislazzjoni nazzjonali. Sabiex ikunu jistgħu jippruvaw is-sitwazzjoni speċifika tagħhom f'każ ta' kontrolli jew verifiki amministrattivi, dawn il-persuni jenħtieġ ligħandhom jiġu pprovduti b'konferma bil-miktub dwar is-sitwazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri għandhom jgawdu diskrezzjoni wiesgħa dwar il-forma u l-format tal-konferma bil-miktub u għandhom wkoll ikunu jistgħu jinkluduha f'deċiżjonijiet relatati mar-ritorn adottati taħt din id-Direttiva.

↓ 2008/115/KE premessa 13

(23) L-użu ta' miżuri koerċittivi jenħtieġ likoersivi għandu jkun espliċitament soġġett għall-prinċipji tal-propozjonalità u tal-effettività fir-rigward tal-mezzi użati u l-objettivi segwiti. Jenħtieġ liGħandhom jiġu stabbiliti salvagwardji minimi għat-twettiq tar-ritorn forzat, b'kont meħud tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/573/KEtad-29 ta' April 2004 dwar l-organizzazzjoni ta' titjiriet konġunti għat-tneħħija mit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew itkar, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma s-suġġett ta' ordni individwali ta' tneħħija[13]. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunugħandhom ikunu jistgħu jattwaw diversi possibilitajiet biex jissorveljaw ir-ritorn furzat.

↓ 2008/115/KE premessa 14

(24) L-effetti ta' miżuri nazzjonali dwar ir-ritorn jenħtieġ ligħandhom jingħataw dimensjoni Ewropea billi tiġi stabbilita projbizzjoni fuq id-dħul li timpedixxi d-dħul u s-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri kollha. It-tul tal-validità tal-projbizzjoni fuq id-dħul jenħtieġ ligħandu jkun determinat b'kont meħud taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali u normalment ma għandux ikun aktar minn ħames snin. F'dan il-kuntest, jenħtieġ ligħandha tingħata attenzjoni partikolari għall-fatt li ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat kien diġà s-suġġett ta' aktar minn deċiżjoni waħda ta' ritorn jew ta' ordni ta' tneħħija jew daħal fit-territorju ta' Stat Membru waqt projbizzjoni ta' dħul.

[13] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/573/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-organizzazzjoni ta' titjiriet konġunti għat-tneħħija mit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew iktar, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma suġġetti ta' ordnijiet individwali ta' tneħħija (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 28).

⇩ ġdid

(25) Meta ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment jiġi identifikat waqt verifiki fil-fruntieri esterni, jista' jkun xieraq li tiġi imposta projbizzjoni fuq id-dħul biex jiġi prevenut id-dħul mill-ġdid futur u għalhekk jitnaqqsu r-riskji tal-immigrazzjoni illegali. Meta jkun iġġustifikat, wara valutazzjoni individwali u b'applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità, tista' tiġi imposta projbizzjoni fuq id-dħul mill-awtorità kompetenti mingħajr ma toħroġ deċiżjoni ta' ritorn biex jiġi evitat aktar dewmien fit-tluq taċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat.

---

🡻 2008/115/KE premessa 15

(26) Jenħtieġ li jkunuGħandom ikunu l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk id-deċiżjonijiet ta' reviżjoni relatati mar-ritorn jimplikawx is-setgħa għall-awtorità jew il-korp tar-reviżjoni li jissostitwixxu d-deċiżjoni tagħhom dwar ir-ritorn għad-deċiżjoni preċedenti.

---

🡻 2008/115/KE premessa 16

(27) L-użu tad-detenzjoni għall-fini ta' tneħħija jenħtieġ li jkunghandu jkun limitat u soġġett għall-prinċipju tal-proporzjonalità fir-rigward tal-mezzi użati u l-objettivi segwiti. Id-detenzjoni hija ġustifikata biss biex jiġi ppreparat ir-ritorn jew jitwettaq il-proċess ta' tneħħija u jekk l-applikazzjoni ta' miżuri anqas koerżivi koerċittivi ma tkunx suffiċjenti.

---

⇩ ġdid

(28) Jenħtieġ li d-detenzjoni tiġi imposta, wara valutazzjoni individwali ta' kull każ, meta jkun hemm riskju ta' ħarba, meta ċ-ċittadin tal-pajjiż terz jevita jew ixekkel it-tħejjija tar-ritorn jew il-proċess ta' tneħħija, jew meta ċ-ċittadin ta' pajiż terz ikun ta' riskju għall-politika pubblika, is-sigurtà pubblika jew is-sigurtà nazzjonali.

(29) Peress li l-perijodi massimi ta' detenzjoni f'xi Stati Membri mhumiex biżżejjed biex jiżguraw l-implimentazzjoni tar-ritorn, jenħtieġ li jiġi stabbilit perijodu massimu ta' detenzjoni bejn tlieta u sitt xhur, li jista' jiġi estiż, sabiex jiġi pprovdut żmien biżżejjed biex jitlestew b'suċċess il-proċeduri ta' ritorn, mingħajr preġudizzju għas-salvagwardji stabbiliti, li jiżgura li d-detenzjoni tiġi applikata biss meta jkun meħtieġ u proporzjonat u sakemm ikunu għaddejjin l-arranġamenti ta' tneħħija.

(30) Jenħtieġ li din id-Direttiva ma tipprekludix lill-Istati Membri milli jistabbilixxu pieni effettivi, proporzjonali u dissważivi u pieni kriminali, inkluża l-priġunerija, fir-rigward tal-ksur tar-regoli tal-migrazzjoni, sakemm pieni bħal dawn ikunu kompatibbli mal-objettivi ta' din id-Direttiva, ma jikkompromettux l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u jkunu b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali.

🡻 2008/115/KE premessa 17

(31) Ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu detenuti jenħtieġ li~~għandhom~~ jiġu trattati b'mod uman u dinjituż fir-rispett tad-drittijiet fundamentali tagħhom u f'konformità mal-liġi internazzjonali u nazzjonali. Mingħajr preġudizzju għall-arrest inizjali mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, irregolat mil-leġislazzjoni nazzjonali, jenħtieġ li d-detenzjoni ~~għandha~~ bħala regola tkun f'faċilitajiet speċjalizzati għad-detenzjoni.

⇩ ġdid

(32) Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà tal-Istati Membri li ma japplikawx din id-Direttiva fir-rigward tal-każijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2)(a), meta l-proċedura fuq il-fruntiera tiġi applikata f'konformità mar-Regolament (UE).../... [*Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil*], jenħtieġ li tiġi segwita proċedura fuq il-fruntiera speċifika għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment li l-applikazzjoni tagħhom għal protezzjoni internazzjonali skont dik il-proċedura fuq il-fruntiera tkun ġiet rifjutata, sabiex tiġi żgurata komplementarjetà diretta bejn il-proċeduri fuq il-fruntieri tal-asil u ta' ritorn u jiġu prevenuti differenzi bejn il-proċeduri. F'każijiet bħal dawn, jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi li jiżguraw il-koerenza u s-sinerġija bejn iż-żewġ proċeduri u jippreservaw l-integrità u l-effettività tal-proċess sħiħ.

(33) Sabiex jiġi żgurat ritorn effettiv fil-kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera, ma għandux jingħata perijodu għat-tluq volontarju. Madankollu, għandu jingħata perijodu għat-tluq volontarju lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom dokument tal-ivvjaġġar validu u li jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċeduri ta' ritorn. F'każijiet bħal dawn, sabiex tiġi prevenuta l-ħarba, ċittadini ta' pajjiżi terzi jenħtieġ li jagħtu d-dokument tal-ivvjaġġar lill-awtorità kompetenti sat-tluq tagħhom.

(34) Għal trattament rapidu tal-każ, għandu jingħata limitu ta' żmien massimu għal appell kontra deċiżjoni ta' ritorn wara deċiżjoni ta' rifjut ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali adottata skont il-proċedura fuq il-fruntiera u li saret finali.

(35) L-appell kontra deċiżjoni ta' ritorn meħuda fil-kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera jenħtieġ li jkollu effett sospensiv awtomatiku f'każijiet fejn hemm riskju ta' ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement, kien hemm bidla sinifikanti fis-sitwazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat mill-adozzjoni skont il-proċedura ta' asil fuq il-fruntiera tad-deċiżjoni li tirrifjuta l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha għal protezzjoni inernazzjonali, jew jekk l-ebda rimedju ġudizzjarju ma ġie eżerċitat b'mod effettiv kontra d-deċiżjoni li tirrifjuta l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha għal protezzjoni internazzjonali adottata skont il-proċedura ta' asil fuq il-fruntiera.

(36) Huwa meħtieġ u proporzjonat li jiġi żgurat li ċittadin ta' pajjiż terz li kien diġà miżmum matul l-eżami tal-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali bħala parti mill-proċedura ta' asil fuq il-fruntiera, ikun jista' jinżamm f'detenzjoni sabiex jitħejja r-ritorn u/jew jitwettaq il-proċess ta' tneħħija, ladarba l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha tkun rifjutata. Sabiex jiġi evitat li ċittadin ta' pajjiż terz ikun rilaxxat awtomatikament minn detenzjoni u li jiġi permess dħul fit-territorju tal-Istat Membru minkejja li jkun ġie rifjutat id-dritt ta' soġġorn, hemm bżonn ta' perijodu ta' żmien limitat sabiex tiġi infurzata d-deċiżjoni ta' ritorn maħruġa fil-fruntiera. Iċ-ċittadin ta'

pajjiż terz ikkonċernat jista' jinżamm f'detenzjoni fil-kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera għal perijodu massimu ta' erba' xhur u sakemm l-arranġamenti ta' tneħħija jkunu għaddejjin u eżegwiti bid-diliġenza dovuta. Dak il-perijodu ta' detenzjoni jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għal perijodu ta' detenzjoni oħrajn stabbiliti minn din id-Direttiva. Meta ma kienx possibbli li r-ritorn jiġi infurzat sa tmiem il-perijodu preċedenti, id-detenzjoni ulterjuri taċ-ċittadin ta' pajjiż terz tista' tiġi ordnata skont dispożizzjoni oħra ta' din id-Direttiva u għad-durata pprovduta fiha.

---

| |
|---|
| 🡻 2008/115/KE premessa 18 (adattat) |
| ⇨ ġdid |

(37) L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom~~għandhom ikollhom~~ aċċess rapidu għall-informazzjoni dwar ⇨ deċiżjonijiet ta' ritorn u ⇦ projbizzjonijiet ta' dħul maħruġin minn Stati Membri oħrajn. ~~Din il-kondiviżjoni ta' informazzjoni~~ ⌦ Aċċess bħal dan ⌫ jenħtieġ li jseħħ~~għandu jseħħ~~f'konformità mar-⇨ Regolament (UE) …/…[14] [*ir-Regolament dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment*] u r- ⇦ Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ~~tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbilment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)~~[15] ⇨ , inkluż biex jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent reċiproku ta' dawn id-deċiżjonijiet fost l-awtoritajiet kompetenti, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/40/KE[16] u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE[17] ⇦ .

---

| |
|---|
| ⇩ ġdid |

(38) It-twaqqif ta' sistemi ta' ġestjoni tar-ritorn fl-Istati Membri jikkontribwixxi għall-effiċjenza tal-proċess ta' ritorn. Kull sistema nazzjonali jenħtieġ li tipprovdi informazzjoni f'waqtha dwar l-identità u s-sitwazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz li huma rilevanti għall-monitoraġġ u s-segwitu tal-każijiet individwali. Sabiex joperaw b'mod effiċjenti u sabiex inaqqsu b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv, tali sistemi ta' ritorn nazzjonali jenħtieġ li jkunu marbuta mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen biex jiġi ffaċilitat u mħaffef id-dħul ta' informazzjoni dwar ir-ritorn, kif ukoll mas-sistema ċentrali stabbilita mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta f'konformità mar-Regolament (UE) …/… [*Ir-Regolament EBCG*].

---

14 *[ir-Regolament dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment] (ĠU L …).*

15 Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4).

16 Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE tat-28 ta' Mejju 2001 dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet dwar l-espulsjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (ĠU L 149, 2.6.2001, p. 34).

17 Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE tat-28 ta' Mejju 2001 dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet dwar l-espulsjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, ĠU L 149, 2.6.2001, p. 34; u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE tat-23 ta' Frar 2004 li tistabbilixxi l-kriterji u l-arranġamenti prattiċi għall-kumpens tal-iżbilanċi finanzjarji li jirriżultaw mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2001/40/KE dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet dwar it-tkeċċija ta' ċittadini ta' pajjiż terz (ĠU L 60, 27.2.2004, p. 55).

---

| ➔ 2008/115/KE premessa 19<br>⇨ ġdid |
|---|

(39) Il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet involuti fil-livelli kollha fil-proċess ta' ritorn u l-iskambju u l-promozzjoni tal-aħjar prattika ⇨ , inkluż billi jitqies u jiġi aġġornat regolarment il-Manwal dwar ir-Ritorn sabiex jirrifletti l-iżviluppi legali u politiċi, ⇦~~għandhom~~ jenħtieġ li jakkumpanjaw l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u jipprovdu valur miżjud Ewropew.

---

| ⇩ ġdid |
|---|

(40) L-Unjoni tipprovdi appoġġ finanzjarju u operazzjonali sabiex tikseb implimentazzjoni effettiva ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu l-aħjar użu mill-istrumenti finanzjarji, il-programmi u l-proġetti tal-Unjoni fil-qasam tar-ritorn, b'mod partikolari skont ir-Regolament (UE) …/… [*Regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Asil u l-Migrazzjoni*], kif ukoll l-assistenza operazzjonali mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta f'konformità mar-Regolament (UE) …/… [*ir-Regolament EBCG*]. Tali appoġġ jenħtieġ li jintuża b'mod partikolari għat-twaqqif ta' sistemi u programmi ta' ġestjoni ta' ritorn biex jipprovdu materjal loġistiku, finanzjarju materjal ieħor jew assistenza *in natura* biex jappoġġaw ir-ritorn – u fejn ikun rilevanti r-riintegrazzjoni – ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.

---

| ➔ 2008/115/KE premessa 20 (adattat) |
|---|

(41) Ladarba l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri dak li jiġu stabbiliti regoli komuni dwar ir-ritorn, it-tneħħija, l-użu ta' miżuri ~~koersivi~~ koerċittivi, id-detenzjoni u l-projbizzjonijiet ta' dħul, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista', għalhek, minħabba l-iskala u l-effett tiegħu jintlaħaq aħjar fuq livell ~~Komunitarju~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫, ~~il-Komunità~~ ⌦ l-Unjoni ⌫ tista' tieħu miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat ⌦ dwar l-Unjoni Ewropea ⌫ . Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan.

---

| ➔ 2008/115/KE premessa 21 |
|---|

(42) L-Istati Membri jenħtieġ li~~għandhom~~ jimplimentaw din id-Direttiva mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, fatturi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjonijiet politiċi jew oħrajn, sħubija ta' xi minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali.

↓ 2008/115/KE premessa 22

(43) F'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal ta' l-1989, "l-aħjar interessi tat-tfal" għandhom ikunu konsiderazzjoni primarja għall-Istati Membri meta jkunu qed jimplimentaw din id-Direttiva. F'konformità mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, jenħtieġ li r-rispett għall-ħajja tal-familja ~~għandu~~ jkun kunsiderazzjoni primarja għall-Istati Membri meta jkunu qed jimplimentaw din id-Direttiva.

↓ 2008/115/KE premessa 23

(44) L-applikazzjoni ta' din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-obbligi li jirriżultaw mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra fir-rigward tal-Istatus tar-Rifuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif emendata bil-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967.

↓ 2008/115/KE premessa 24

(45) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

⇩ ġdid

(46) L-għan tal-implimentazzjoni effettiva tar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx, jew ma għadhomx jissodisfawx, il-kondizzjonijiet għad-dħul, soġġorn jew residenza fl-Istati Membri, skont id-Direttiva, huwa komponent essenzjali tal-isforzi komprensivi biex tiġi indirizzata l-migrazzjoni irregolari u jirrappreżenta raġuni importanti ta' interess pubbliku sostanzjali.

(47) L-awtoritajiet ta' ritorn tal-Istati Membri jeħtieġu jipproċessaw id-*data* personali biex jiżguraw l-implimentazzjoni xierqa tal-proċeduri ta' ritorn u l-infurzar b'suċċess tad-deċiżjonijiet ta' ritorn. Il-pajjiżi terzi tar-ritorn ta' spiss mhumiex soġġetti għal deċiżjonijiet ta' adegwatezza adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18], jew skont l-Artikolu 36 tad-Direttiva (UE) 2016/680[19], u bosta drabi ma kkonkludewx jew mhux beħsiebhom jikkonkludu ftehim ta' riammissjoni mal-Unjoni jew jipprovdu salvagwardji xierqa b'xi mod ieħor skont it-tifsira tal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2016/679 jew fit-tifsira tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 37 tad-Direttiva (UE) 2016/680. Minkejja l-isforzi intensivi tal-Unjoni biex tikkoopera

[18] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

[19] Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar Deċiżjoni Kwadra tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

mal-pajjiżi ewlenin ta' oriġini ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment soġġetti għal obbligu ta' ritorn, mhuwiex dejjem possibbli li jiġi żgurat li pajjiżi terzi bħal dawn jissodisfaw sistematikament l-obbligu stabbilit mil-liġi internazzjonali biex jieħdu lura ċ-ċittadini tagħhom stess. Il-ftehimiet ta' riammissjoni, li ġew konklużi jew li qed jiġu nnegozjati mill-Unjoni jew mill-Istati Membri u li jipprovdu salvagwardji adegwati għat-trasferiment ta' *data* għal pajjiżi terzi skont l-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2016/679 jew skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 36 tad-Direttiva (UE) 2016/680, ikopru għadd limitat ta' pajjiżi terzi bħal dawn. Fis-sitwazzjoni fejn ftehimiet bħal dawn ma jeżistux, id-*data* personali jenħtieġ li tiġi ttrasferita mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' ritorn tal-Unjoni, f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 49(1)(d) tar-Regolament (UE) 2016/679 jew fid-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 38 tad-Direttiva (UE) 2016/680.

---

| ↓ 2008/115/KE premessa 25 (adattat) |
|---|

(48) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll ⌦ Nru 22 ⌫ dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat ⌦ dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫~~li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea~~, id-Danimarka mhix tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Peress li din id-Direttiva tibni — sa fejn tapplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kondizzjonijiet tad-dħul skont ~~il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen~~~~[20]~~ ⌦ ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21] ⌫ — fuq l-acquis ta' Schengen~~taħt id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tal-parti Tlieta tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea~~, ⌦ jenħtieġ li ⌫ d-Danimarka, skont l-Artikolu ~~5~~ ⌦ 4 ⌫ ~~ta' dan l-imsemmi~~ ⌦ tal- ⌫ Protokoll, tiddeċiedi fi żmien sitt xhur wara ~~l-adozzjoni ta'~~ ⌦ li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar ⌫ din id-Direttiva, jekk hijiex ser timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.

---

| 2008/115/KE premessa 26 (adattat) |
|---|

(49) Sa fejn dan japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terz li ma jissodisfawx jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kondizzjonijiet tad-dħul bi qbil ⌦ mar-Regolament (UE) 2016/399 ⌫ ~~mal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen~~, din id-Direttiva tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fiha r-Renju Unit mhux se jieħu sehem bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE ~~tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brettanja u tal-Irlanda ta' Fuq li jieħdu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen~~[22]~~;~~ .B~~b~~arra minn dan, bi qbil mal-

---

~~20 Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1).~~

21 Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1.)

22 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43).

Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll ⌦ Nru 21 ⌫ dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda ⌦ fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, ⌫ anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫~~li jitabbilixxi il-Komunità Ewropea~~, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ~~tal-imsemmi~~ ⌦ ta' dak il- ⌫ Protokoll, ir-Renju Unit mhux jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhux marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.

---

| ↓ 2008/115/KE premessa 27 (adattat) |
|---|

(50) Sakemm dan japplika għal ċittadini ta' pajjiż terz li ma jissodisfawx jew li ma għandhomx jissodisfaw il-kondizzjonijiet tad-dħul bi qbil ⌦ mar-Regolament (UE) 2016/399 ⌫~~mal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen~~, din id-Direttiva tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fiha l-Irlanda mhix se tieħu sehem bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE ~~tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-irlanda li tieħu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen~~[23]~~;~~. Bb~~~~arra minn dan, bi qbil mal-Artikolu 1 u 2 tal-Protokoll ⌦ Nru 21 ⌫ dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda ⌦ fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, ⌫ anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫~~li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea~~, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ~~tal-imsemmi~~ ⌦ ta' dak il- ⌫ Protokoll, l-Irlanda mhijiex tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

---

| ↓ 2008/115/KE premessa 28 (adattat) |
|---|

(51) Għal dak li jirrigwarda l-Iżlanda u n-Norveġja, din id-Direttiva tikkostitwixxi — sa fejn hija tapplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' dħul skont ⌦ ir-Regolament (UE) 2016/399 ⌫ ~~il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen~~ — żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim milħuq mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' ⌦ dawn tal-aħħar ⌫~~dawn iż-żewġ Stati~~ fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt C tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE[24] ~~dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-ftehim~~.

---

[23] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

[24] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

🡻 2008/115/EC premessa 29 (adattat)

(52) Għal dak li jirrigwarda l-Iżvizzera, din id-Direttiva tikkostitwixxi – sa fejn hija tapplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' dħul skont ⌦ ir-Regolament (UE) 2016/399 ⌫ ~~il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen~~ żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen[25], li jaqa' fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt C tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE[26]~~dwar il-Konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, ta' dak il-Ftehim~~.

🡻 2008/115/KE premessa 30 (adattat)

(53) Għal dak li jirrigwarda l-Liechtenstein, din id-Direttiva tikkostitwixxi — sa fejn hija tapplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' dħul skont ⌦ ir-Regolament (UE) 2016/399 — ⌫ ~~il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen~~ żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll iffirmat bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità ta' Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen[27], li jaqa' fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt C tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE[28] ~~2008/261/KE~~[29]~~dwar dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u dwar l-applikazzjoni proviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' dak il-Protokoll~~,

⇩ ġdid

(54) L-obbligu tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali jenħtieġ li jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw emenda sostantiva meta

[25] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

[26] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfiderazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

[27] ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21

[28] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

[29] ~~ĠU L 83, 26.3.2008, p. 3.~~

mqabbla mad-Direttiva ta' qabel. L-obbligu li d-dispożizzjonijiet li ma nbidlux jiġu trasposti ġej mid-Direttiva preċedenti.

(55) Din id-Direttiva jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva stabbilita fl-Anness I,

---

🡻 2008/115/KE (adattat)

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

# KAPITOLU I
# DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Din id-Direttiva tistabbilixxi standards u proċeduri komuni li għandhom jiġu applikati fl-Istati Membri biex jiġu rritornati ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, skont id-drittijiet fundamentali bħala prinċipji ġenerali tal-liġi ~~Komunitarja~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ kif ukoll tal-liġi internazzjonali, inkluż il-protezzjoni tar-refuġjati u l-obbligi dwar id-drittijiet tal-bniedem.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva tapplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fit-territorju ta' Stat Membru.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx din id-Direttiva għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li:

   (a) huma soġġetti għal ċaħda ta' dħul, skont l-Artikolu 14~~13~~ ⌦ tar-Regolament (UE) 2016/399 ⌫~~tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen~~, jew li jkunu arrestati jew interċettati mill-awtoritajiet kompetenti b'konnessjoni mal-qsim irregolari bl-art, bil-baħar jew bl-ajru tal-fruntiera esterna ta' Stat Membru u li ma jkunux sussegwentement kisbu awtorizzazzjoni jew dritt biex joqogħdu f'dak l-Istat Membru;

   (b) huma soġġetti għal ritorn bħala sanzjoni tal-liġi kriminali jew bħala konsegwenza ta' sanzjoni tal-liġi kriminali, skont il-liġi nazzjonali jew li huma soġġetti għal proċeduri ta' estradizzjoni.

3. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-persuni li jgawdu d-dritt ~~Komunitarju~~ ta' moviment liberu ⌦ skont il-liġi tal-Unjoni ⌫ kif definit fl-Artikolu 2(5) ⌦ tar-Regolament (UE) 2016/399 ⌫ ~~tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen~~.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. “ċittadin ta’ pajjiż terz” tfisser kwalunkwe persuna li mhijiex ċittadin tal-Unjoni Ewropea fis-sens tal-Artikolu ⌦ 20 ⌫ ~~17(1)~~ tat-Trattat ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫ u li mhijiex persuna li tgawdi d-dritt tal-moviment liberu ~~Komunitarju~~ ⌦ skont il-liġi tal-Unjoni ⌫ , kif definit fil-punt 5 tal- Artikolu 2~~(5)~~ ⌦ tar-Regolament (UE) 2016/399 ⌫~~tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen~~;

2. “soġġorn illegali” tfisser il-preżenza fit-territorju ta’ Stat Membru, ta’ ċittadin ta’ pajjiż terz li ma jissodisfax, jew ma għadux jissodisfa l-kondizzjonijiet ta' dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 6~~5~~ of ⌦ tar-Regolament (UE) 2016/399 ⌫ ~~tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen~~ jew kondizzjonijiet oħrajn għal dħul, soġġorn jew residenza f’dak l-Istat Membru;

3. “ritorn” tfisser il-proċess tat-tluq lura ta’ ċittadin ta' pajjiż terz — kemm jekk b’konformità volontarja ma’ obbligu ta’ ritorn kif ukoll jekk infurzat — għal:

   (a)~~-~~ il-pajjiż ta’ oriġini tiegħu jew tagħha, jew

   (b)~~-~~ pajjiż ta’ tranżitu skont ftehim ta’ riammissjoni ~~Komunitarja~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ jew bilaterali jew arranġamenti oħra, jew

   (c)~~-~~ pajjiż terz ieħor, li għalih iċ-ċittadin ta’ pajjiż terz ikkonċernat volontarjament jiddeċiedi li jirritorna u li fih hu jew hi ser jiġi aċċettat;

4. “deċiżjoni ta' ritorn” tfisser deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju, li jgħid jew jiddikjara li s-soġġorn ta’ ċittadin ta’ pajjiż terz huwa illegali u li jimponi jew jiddikjara l-obbligu ta' ritorn;

5. “tneħħija” tfisser l-infurzar ta’ l-obbligu ta' ritorn, jiġifieri t-trasport fiżiku barra mill-Istat Membru;

6. “projbizzjoni fuq id-dħul” tfisser deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju li jipprojbixxi dħul lejn u soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri għal perijodu speċifikat, li jakkumpanja deċiżjoni ta' ritorn;

7. “riskju ta' ħarba” tfisser l-eżistenza ta' raġunijiet f’każ individwali li huma bbażati fuq kriterji oġġettivi definiti bil-liġi nazzjonali biex wieħed jemmen li ċittadin ta' pajjiż terz li hu soġġett għal proċeduri ta' ritorn jista’ jaħrab;

8. “tluq volontarju” tfisser konformità mal-obbligu ta' ritorn fi żmien l-iskadenza ffissata għal dak l-iskop fid-deċiżjoni ta' ritorn;

9. “persuni vulnerabbli” tfisser minuri, minuri mhux akkumpanjati, persuni b'diżabilità, anzjani, nisa tqal, ġenituri waħedhom bi tfal minuri u persuni li ġew soġġettati għal tortura, stupru jew forom serji oħrajn ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali.

*Artikolu 4*

**Dispożizzjonijiet aktar favorevoli**

1. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet aktar favorevoli ta’:

   (a) atti ta’ ftehim bilaterali jew multilaterali bejn ~~il-Komunità~~ ⌦ l-Unjoni ⌫ jew ~~il-Komunità~~ ⌦ l-Unjoni ⌫ u l-Istati Membri tagħha u pajjiż terz wieħed jew aktar;

   (b) atti ta’ ftehim bilaterali jew multilaterali bejn Stat Membru wieħed jew aktar u pajjiż terz wieħed jew aktar.

2. Din id-Direttiva ma għandha tippreġudika ebda dispożizzjoni li tista' tkun aktar favorevoli għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz stabbilita fl-acquis ~~Komunitarju~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ fil-qasam tal-immigrazzjoni u l-asil.

3. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jadottaw jew iżommu dispożizzjonijiet li huma aktar favorevoli għall-persuni li għalihom tapplika dment li dawk id-dispożizzjonijiet ikunu kompatibbli ma' din id-Direttiva.

4. Fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva skont l-Artikolu 2(2)(a) l-Istati Membri għandhom:

(a) jiżguraw li t-trattament tagħhom u l-livell ta' protezzjoni ma jkunx inqas favorevoli minn dak stabbilit fl-Artikolu 10~~8~~(4) u (5) (limitazzjonijiet fuq l-użu ta' miżuri koerżivi), l-Artikolu 11~~9~~(2)(a) (posponiment tat-tneħħija), l-Artikolu 17~~14~~(1)(b) u (d) (kura tas-saħħa f'emerġenza u b'kont meħud tal-bżonnijiet ta' persuni vulnerabbli), u l-Artikoli 19~~16~~ u 20~~17~~ (kondizzjonijiet tad-detenzjoni) u

(b) jirrispettaw il-prinċipju ta' non-refoulement.

*Artikolu 5*

**Non-refoulement, l-aħjar interessi tat-tfal, il-ħajja tal-familja u l-istat tas-saħħa**

Fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont dovut ta':

(a) l-aħjar interessi tat-tfal,

(b) il-ħajja familjari,

(c) l-istat tas-saħħa taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat,

u jirrispettaw il-prinċipju ta' non-refoulement.

---

⇩ ġdid

*Artikolu 6*

**Ir-riskju ta' ħarba**

1. Il-kriterji oġġettivi msemmija fil-punt 7 tal-Artikolu 3 għandhom jinkludu tal-anqas il-kriterji li ġejjin:

(a) nuqqas ta' dokumentazzjoni li tipprova l-identità;

(b) nuqqas ta' residenza, domiċilju fiss jew l-indirizz ta' min joqgħod fuqu;

(c) nuqqas ta' riżorsi finanzjarji;

(d) dħul illegali fit-territorju fit-territorju tal-Istati Membri;

(e) moviment mhux awtorizzat fit-territorju ta' Stat Membru ieħor;

(f) espressjoni ta' intenzjoni espliċita ta' nuqqas ta' konformità ma' miżuri relatati mar-ritorn applikati permezz ta' din id-Direttiva;

(g) li wieħed ikun soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor;

(h) nuqqas ta' konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn, inkluż b'obbligu għar-ritorn fi ħdan il-perijodu għal tluq volontarju;

(i) nuqqas ta' konformità mar-rekwiżit tal-Artikolu 8(2) li wieħed imur fit-territorju ta' Stat Membru ieħor li ta permess ta' residenza validu jew awtorizzazzjoni oħra li toffri dritt ta' soġġorn;

(j) li wieħed ma jissodisfax l-obbligu li jikkoopera mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċeduri ta' ritorn, imsemmi fl-Artikolu 7;

(k) l-eżistenza ta' kundanna għal reat kriminali, inkluż għal reat kriminali serju fi Stat Membru ieħor;

(l) investigazzjonijiet u proċedimenti kriminali li jkunu għaddejjin;

(m) l-użu ta' dokumenti ta' identità foloz jew falsifikati, il-qerda jew id-disponiment ta' xort'oħra minn dokumenti eżistenti, jew ir-rifjut li jipprovdu marki tas-swaba' kif meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali;

(n) jopponi b'mod vjolenti jew frawdolenti l-proċeduri ta' ritorn;

(o) ma jikkonformax ma' miżura bil-għan li tipprevjeni r-riskju ta' ħarba msemmija fl-Artikolu 9(3);

(p) ma jikkonformax ma' projbizzjoni ta' dħul eżistenti.

2. L-eżistenza ta' riskju ta' ħarba għandu jiġi determinat fuq il-bażi ta' valutazzjoni globali taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-kriterji oġġettivi msemmija fil-paragrafu 1.

Madankollu, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li r-riskju ta' ħarba ikun preżunt f'każ individwali, sakemm ma jkunx ippruvat mod ieħor, meta jiġi ssodisfat wieħed mill-kriterji oġġettivi msemmija fil-punti (m), (n), (o) u (p) tal-paragrafu 1.

*Artikolu 7*

**Obbligu ta' kooperazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jimponu fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi l-obbligu li jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri f'kull stadju tal-proċeduri ta' ritorn. Dan l-obbligu għandu jinkludi b'mod partikolari dan li ġej:

(a) l-obbligu li jipprovdi l-elementi kollha li huma meħtieġa għall-istabbiliment jew il-verifika tal-identità;

(b) l-obbligu li jipprovdi informazzjoni dwar il-pajjiżi terzi tranżitati;

(c) l-obbligu li jibqa' preżenti u disponibbli matul il-proċeduri kollha;

(d) l-obbligu li jressaq lill-awtoritjajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi talba biex jinkiseb dokument validu tal-ivvjaġġar.

2. L-elementi msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandhom jinkludu d-dikjarazzjonijiet taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u d-dokumentazzjoni fil-pussess tagħhom rigward l-identità, in-nazzjonalità jew in-nazzjonalitajiet, l-età, il-pajjiż jew il-pajjiżi u l-post jew il-postijiet ta' residenza preċedenti, ir-rotot tal-ivvjaġġar u d-dokumentazzjoni tal-ivvjaġġar.

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar il-konsegwenzi li ma jikkonformawx mal-obbligu msemmi fil-paragrafu 1.

---

🡻 2008/115/KE (adattat)
⇨ ġdid

# KAPITOLU II
# TERMINAZZJONI TA' SOĠĠORN ILLEGALI

*Artikolu* 8~~6~~

**Deċiżjoni ta' ritorn**

1. L-Istati Membri għandhom joħorġu deċiżjoni ta' ritorn għal ċittadin ta' pajjiż terz li qed joqgħod~~jissoġġorna~~ illegalment fit-territorju tagħhom, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 2 sa 5.

2. Ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed joqogħdu~~jissoġġornaw~~ illegalment fit-territorju ta' Stat Membru u għandhom permess ta' residenza validu jew awtorizzazzjoni oħra li toffri dritt ta' soġġorn maħruġa minn Stat Membru ieħor, għandhom jintalbu jmorru fit-territorju ta' dak l-Istat Membru minnufih. Fil-każ ta' nonkonformità miċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ma' din il-ħtieġa, jew fejn it-tluq immedjat taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà nazzjonali, għandu japplika l-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri jistgħu jirrinunzjaw għad-deċiżjoni ta' ritorn għal ċittadin ta' pajjiż terz li qed joqgħod illegalment fit-territorju tagħhom jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jittieħed lura minn Stat Membru ieħor skont ftehim jew arranġamenti bilaterali eżistenti ⌦ fit-13 ta' Jannar 2009 ⌫~~fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva~~. F'dan il-każ l-Istat Membru li jkun ħa lura ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu japplika l-paragrafu 1.

4. L-Istati Membri jistgħu, f'kull ħin, jiddeċiedu li jagħtu permess ta' residenza awtonomu jew awtorizzazzjoni oħra li toffri d-dritt ta' soġġorn għal raġunijiet ta' kompassjoni, dawk umanitarji jew għal raġunijiet oħrajn lil ċittadin minn pajjiż terz li jkun qiegħed illegalment fit-territorju tagħhom. F'dan il-każ ma għandha tinħareġ ebda deċiżjoni ta' ritorn. Fejn deċiżjoni ta' ritorn tkun diġà nħarġet, din għandha tiġi rtirata jew sospiża tul iż-żmien tal-validità tal-permess ta' residenza jew ta' awtorizzazzjoni oħra li toffri dritt ta' soġġorn.

5. Jekk ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed illegalment fit-territorju ta' Stat Membru jkun is-suġġett ta' proċedura pendenti għat-tiġdid tal-permess ta' residenza tiegħu jew tagħha jew ta' xi permess ieħor li joffri d-dritt ta' soġġorn, dak l-Istat Membru għandu jikkunsidra li joqgħod lura milli joħroġ deċiżjoni ta' ritorn sakemm tintemm il-proċedura pendenti~~, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 6~~.

6. ⇨ L-Istati Membri għandhom joħorġu deċiżjoni ta' ritorn immedjatament wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni li ttemm soġġorn legali ta' ċittadin ta' pajjiż terz, inkluża deċiżjoni li ċittadin ta' pajjiż terz ma jingħatax status ta' refuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarja f'konformità mar-Regolament (UE) …/… [*Regolament dwar Standards għall-Kwalifika*]. ⇦

Din id-Direttiva ma għandhiex tipprekludi lill-Istati Membri milli jadottaw deċiżjoni ⌦ ta' ritorn ⌫ ~~dwar it-tmiem ta' soġġorn~~ flimkien ma' ~~deċiżjoni ta' ritorn u/jew~~ ⌦ deċiżjoni li ttemm soġġorn legali ta' ċittadin ta' pajjiż terz, ⌫ deċiżjoni dwar tneħħija u/jew projbizzjoni fuq id-dħul f'deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju wieħed kif previst fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom~~, mingħajr preġudizzju għas-salvagwardji proċedurali disponibbli taħt il-Kapitolu III u taħt dispoiżżzjonijiet rilevanti oħrajn ta' liġi Komunitarja u nazzjonali~~.

---

⇩ ġdid

L-ewwel u t-tieni subparagrafi huma mingħajr preġudizzju għas-salvagwardji skont il-Kapitolu III u skont dispożizzjonijiet rilevanti oħra tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali.

---

🡻 2008/115/KE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu* 9~~7~~

**Tluq volontarju**

1. Id-deċiżjoni ta' ritorn għandha tipprevedi perijodu adegwat għat-tluq volontarju ~~ta' bejn sebat ijiem u~~ ⇨ sa ⇦ tletin jum, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 2 u 4. L-Istati Membri ⌦ jistgħu ⌫~~għandhom~~ jipprevedu fil-leġislazzjoni nazzjonali li tali perijodu għandu jingħata biss wara applikazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat. F'dan il-każ, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati dwar il-possibbiltà li jippreżentaw tali applikazzjoni.

Il-perijodu ta' żmien previst fl-ewwel subparagrafu ma jeskludix il-possibbiltà li ċ-ċittadini ta' pajjiż terz ikkonċernati jitilqu qabel.

---

⇩ ġdid

It-tul tal-perijodu għat-tluq volontarju għandu jkun determinat b'konsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali, filwaqt li jitqies b'mod partikolari l-prospett ta' ritorn.

---

🡻 2008/115/KE (adattat)
⇨ ġdid

2. L-Istati Membri għandhom, fejn neċessarju, jestendu l-perijodu għat-tluq volontarju għal perijodu adegwat, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali, bħat-tul tas-soġġorn, l-eżistenza ta' tfal li jattendu l-iskola u l-eżistenza ta' rabtiet familjari u soċjali oħrajn.

3. Ċerti obbligi maħsuba biex jevitaw ir-riskju ta' ħarba, bħalma huma r-rappurtar regolari lill-awtoritajiet, id-depożitu ta' garanzija finanzjarja adegwata, il-

preżentazzjoni ta' dokumenti jew l-obbligu li wieħed jibqa' f'ċertu post, jistgħu jiġu imposti għat-tul tal-perijodu ta' tluq volontarju.

4. ⇨ L-Istati Membri ma għandhomx jagħtu perijodu għat-tluq volontarju fil-każijiet li ġejjin: ⇦

(a) ~~Jekk ikun~~ ⌦ meta jkun ⌫ hemm riskju ta' ħarba ⇨ li ġie ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 6 ⇦ ;~~,~~

(b) ~~jew jekk~~ ⌦ meta ⌫ applikazzjoni għal soġġorn legali tkun ġiet miċħuda għax kienet bla bażi jew ibbażata fuq frodi;~~,~~

(c) ~~jew jekk~~⌦ meta ⌫ ~~l-persuna kkonċernata tippreżenta~~ ⌦ ċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat jippreżenta ⌫ riskju għall-ordni pubbliku, is-sigurtà pubblika jew is-sigurtà nazzjonali~~, l-Istati Membri jistgħu ma jagħtux perijodu ta' żmien għat-tluq volontarju, jew jistgħu jagħtu perijodu iqsar minn sebat ijiem~~.

*Artikolu 10~~8~~*

**Tneħħija**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jinfurzaw id-deċiżjoni ta' ritorn jekk ma jkun ingħata l-ebda perijodu għal tluq volontarju skont l-Artikolu 9~~7~~(4) jew jekk l-obbligu ta' ritorn ma jkunx ġie rispettat f'dan il-perijodu għat-tluq volontarju mogħti skont l-Artikolu 9~~7~~. ⇨ Dawn il-miżuri għandhom jinkludu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiġi kkonfermata l-identita ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma għandhomx dokument ta' vjaġġar validu u biex jinkiseb tali dokument. ⇦

2. Jekk l-Istat Membru jkun ta perijodu għal tluq volontarju skont l-Artikolu 9~~7~~, id-deċiżjoni ta' ritorn tista' tiġi nfurzata biss wara li l-perijodu jkun intemm, sakemm ma jirriżultax riskju matul dan il-perijodu, kif imsemmi fl-Artikolu 9~~7~~(4).

3. L-Istati Membri jistgħu jadottaw deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju separat li jordna t-tneħħija.

4. Meta l-Istati Membri jużaw — bħala l-aħħar possibbiltà — miżuri ~~koerżivi~~ koerċittivi biex iwettqu t-tneħħija ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jirreżisti t-tneħħija, tali miżuri għandhom ikunu proporzjonali u ma għandhomx jeċċedu forza raġonevoli. Dawn għandhom jiġu implimentati kif previst fil-leġislazzjoni nazzjonali skont id-drittijiet fundamentali u bir-rispett dovut għad-dinjità u l-integrità fiżika taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

5. Meta jwettqu tneħħijiet bl-ajru, l-Istati Membri għandhom iqisu l-Linji Gwida Komuni dwar dispożizzjonijiet ta' sigurtà għat-tneħħija konġunta bl-ajru, annessa mad-Deċiżjoni 2004/573/KE.

6. L-Istati Membri għandhom jipprovdu sistema ta' monitoraġġ effettiva dwar ir-ritorn infurzat.

*Artikolu 11~~9~~*

**Posponiment ta' tneħħija**

1. L-Istati Membri għandhom jipposponu t-tneħħija:

(a) meta hija tikser il-prinċipju ta' non-refoulement jew

(b) sakemm jingħata effett sospensiv skont l-Artikolu 1613(2).

2. L-Istati Membri jistgħu jipposponu t-tneħħija għal perijodu xieraq, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali. L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jieħdu kont ta':

(a) l-istat fiżiku jew il-kapaċità mentali taċ-ċittadin tal-pajjiż terz;

(b) raġunijiet tekniċi, bħan-nuqqas ta' kapaċità ta' trasport jew jekk it-tneħħija ma sseħħx minħabba nuqqas ta' identifikazzjoni.

3. Jekk tneħħija tiġi posposta kif previst fil-paragrafi 1 u 2, l-obbligi previsti fl-Artikolu 97(3) jistgħu jiġu imposti fuq iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

*Artikolu 1210*

**Ritorn u tneħħija ta' minuri mhux akkumpanjati**

1. Qabel jiġi deċiż li jinħarġu deċiżjonijiet ta' ritorn fir-rigward ta' minuri mhux akkumpanjati, għandha tingħata assistenza minn korpi xierqa oħra apparti l-awtoritajiet li jinfurzaw it-tneħħija b'konsiderazzjoni dovuta għall-aħjar interessi tat-tfal.

2. Qabel ma jneħħu minuri mhux akkumpanjat mit-territorju ta' Stat Membru, l-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru għandhom ikunu sodisfatti li dan jew din ser jirritorna jew tirritorna għand membru tal-familja tiegħu jew tagħha, għand persuna maħtura b'responsabbiltà ta' ~~ġenitur~~ ⌦ kustodju ⌫ jew f'faċilitazzjonijiet ta' ~~lqugħ~~ ⌦ akkoljenza ⌫ adegwati fl-Istat tar-ritorn.

*Artikolu 1311*

**Projbizzjoni fuq id-dħul**

1. Deċiżjonijiet ta' ritorn għandhom ikunu akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul:

(a) jekk ma jkun ingħata l-ebda perijodu għat-tluq volontarju jew,

(b) jekk l-obbligu ta' ritorn ma jkunx ġie rispettat.

F'każijiet oħrajn, deċiżjonijiet ta' ritorn jistgħu jkunu akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul.

---

⇩ ġdid

2. L-Istati Membri jistgħu jimponu projbizzjoni fuq id-dħul, li ma takkumpanjax deċiżjoni ta' ritorn, lil ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qed joqgħod fit-territorju tal-Istati Membri illegalment u li s-soġġorn illegali tiegħu jiġi identifikat b'rabta mal-verifiki fuq il-fruntieri imwettqa mal-ħruġ f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/399, meta jkun ġustifikat abbażi taċ-ċirkostanti speċifiċi tal-każ individwali u meta jittieħed kont tal-prinċipju tal-proporzjonalità.

🡻 2008/115/KE
⇨ ġdid

3~~2~~. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi determinat b'kont dovut taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali u fil-prinċipju ma għandux jeċċedi l-ħames snin. Hu jista' madankollu jeċċedi l-ħames snin jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun ta' theddida serja għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali.

4~~3~~. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-irtirar jew is-sospensjoni ta' projbizzjoni fuq id-dħul meta ċittadin ta' pajjiż terz li jkun is-suġġett ta' projbizzjoni fuq id-dħul maħruġa skond it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 jista' juri li jkun ħalla jew ħalliet it-territorju ta' Stat Membru f'konformità sħiħa ma' deċiżjoni ta' ritorn.

Vittmi tat-traffikar tal-bnedmin li jkunu ngħataw permess ta' residenza skont id-Direttiva tal-Kunsill 2004/81/KE~~tad-29 ta' April 2004 dwar il-permess ta' residenza mogħti lil ċittadini ta' pajjiż terz li jkunu vittmi ta' traffikar tal-bniedem jew li kienu suġġett ta' azzjoni li tiffaċilita l-immigrazzjoni illegali, li jikkooperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti~~[30], ma għandhomx ikunu s-suġġett ta' projbizzjoni fuq id-dħul mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, punt (b), u dment li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ma jirrappreżentax theddida għall-ordni pubbliku, is-sigurtà pubblika jew is-sigurtà nazzjonali.

L-Istati Membri jistgħu ma joħorġux, jirtiraw jew jissospendu projbizzjoni fuq id-dħul f'każijiet individwali għal raġunijiet umanitarji.

L-Istati Membri jistgħu jirtiraw jew jissospendu projbizzjoni ta' dħul f'każijiet individwali jew f'ċerti kategoriji ta' każijiet għal raġunijiet oħrajn.

5~~4~~. Meta Stat Membru jikkunsidra l-ħruġ ta' permess ta' residenza jew awtorizzazzjoni oħra li toffri d-drit ta' soġġorn lil ċittadin ta' pajjiż terz li hu soġġett għal projbizzjoni fuq id-dħul maħruġa minn Stat Membru ieħor, huwa għandu l-ewwel jikkonsulta l-Istat Membru li jkun ħareġ il-projbizzjoni fuq id-dħul ~~u għandu jieħu kont tal-interessi tiegħu skond l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen~~~~[31]~~ ⇨ f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2018/XXX[32] ⇦.

6~~5~~. Il-paragrafi 1 sa 5~~4~~ għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għad-dritt għal protezzjoni internazzjonali, kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 2~~(a)~~ tad-Direttiva 2011/95/UE~~Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija~~~~[33]~~, fl-Istati Membri.

[30] Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/81/KE tad-29 ta' April 2004 dwar il-permess ta' residenza maħruġ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi tat-traffikar fi bnedmin jew li kienu s-suġġett ta' azzjoni għall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, li jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 19).

[31] ~~ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19.~~

[32] Ir-Regolament (KE) 2018/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [...] dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fil-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 [adozzjoni pendenti].

[33] ~~Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-istandards minimi għall-kwalifika u l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni bla ċittadinanza bħala refuġjati jew bħala persuni li b'mod ieħor jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, ĠU L 304, 30.9.2004, p. 12.~~

⇩ ġdid

*Artikolu 14*

**Ġestjoni tar-Ritorn**

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi, jopera, imantni u jkompli jiżviluppa sistema ta' ġestjoni tar-ritorn, li għandha tipproċessa l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġestjoni tal-każijiet individwali kif ukoll kwalunkwe proċedura relatata mar-ritorn.

2. Is-sistema nazzjonali għandha tiġi stabbilita b'mod li tiżgura l-kompatibbiltà teknika li tippermetti l-komunikazzjoni mas-sistema ċentrali stabbilita f'konformtià mal-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) …/… [*Ir-Regolament EBCG*].

3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu programmi biex jipprovdu assistenza loġistika, finanzjarja u materjali jew *in natura* oħra, f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali, għall-fini li jappoġġaw ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill 539/2001[34].

Tali assistenza tista' tinkludi appoġġ għar-riintegarazzjoni fil-pajjiż terz ta' ritorn.

L-għoti ta' tali assistenza, inklużi t-tip u l-estent tagħha, għandu jkun soġġett għall-kooperazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kif previst fl-Artikolu 7 ta' din id-Direttiva.

---

🡻 2008/115/KE

# KAPITOLU III
# SALVAGWARDJI PROĊEDURALI

*Artikolu* *15~~12~~*

**Forma**

1. Deċiżjonijiet ta' ritorn u, jekk maħruġa, deċiżjonijiet ta' projbizzjoni fuq id-dħul u deċiżjonijiet ta' tneħħija, għandhom jinħarġu bil-miktub u jagħtu raġunijiet fil-fatt u fid-dritt kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli.

L-informazzjoni dwar ir-raġunijiet tista' fil-fatt tkun limitata fejn il-liġi nazzjonali tippermetti li d-dritt għall-informazzjoni jiġi ristrett, b'mod partikolari sabiex tiġi salvagwardjata s-sigurtà nazzjonali, id-difiża, is-sigurtà pubblika u l-prevenzjoni, l-investigazzjoni, id-detenzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu, fuq talba, traduzzjoni bil-miktub jew orali tal-elementi prinċipali tad-deċiżjonijiet relatati mar-ritorn kif imsemmi fil-paragrafu 1, inkluża l-informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jista' jkun raġonevolment mistenni li jifhem.

---

[34] Ir-Regolament tal-Kunsilll (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa (ĠU L 81, 21.3.2001, p. 1).

3. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-paragrafu 2 fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li daħlu illegalment fit-territorju ta' Stat Membru u li sussegwentement ma kisbux awtorizzazzjoni jew dritt biex joqogħdu f'dak l-Istat Membru.

F'dawn il-każijiet, deċiżjonijiet relatati mar-ritorn, kif imsemmi fil-paragrafu 1, għandhom jingħataw permezz ta' formola standard kif stabbilit fil-leġislazzjoni nazzjonali.

L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli folji ta' informazzjoni ġeneralizzata li tispjega l-elementi ewlenin tal-formola standard b'mill-inqas ħamsa minn dawk il-lingwi, li huma l-aktar frekwentament użati jew mifhuma mill-migranti illegali li jidħlu fl-Istat Membru kkonċernat.

*Artikolu 1613*

**Rimedji**

1. Iċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz għandu jingħata dritt għal rimedju effettiv li jappella kontra jew li jitlob reviżjoni tad-deċiżjonijiet relatati mar-ritorn, kif imsemmi fl-Artikolu 1512(1), quddiem awtorità ġudizzjarja jew amministrattivakompetentijew korp kompetenti magħmul minn membri imparzjali u li jgawdu minn salvagwardji ta' indipendenza.

---

⇩ ġdid

Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jingħata d-dritt ta' appell quddiem livell wieħed ta' ġuriżdizzjoni kontra d-deċiżjoni ta' ritorn meta dik id-deċiżjoni tkun ibbażata fuq deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali meħuda f'konformità mar-Regolament (UE) …/… [*Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil*] li kienet soġġetta għal stħarriġ ġustiddjarju effettiv f'konformità mal-Artikolu 53 ta' dak ir-Regolament.

---

🡻 2008/115/KE
⇨ ġdid

2. L-awtorità ⇨ ġudizzjarja msemmija ⇦ jew il-korp imsemmijin fil-paragrafu 1 hawn fuq għandhom ikollhom għandha jkollha s-setgħa li jirrevedu tirrevedi d-deċiżjonijiet relatati mar-ritorn, kif imsemmi fl-Artikolu 1512(1), inkluża l-possibbiltà li jiġi sospiż temporanjament l-infurzar tagħhom, dment li ma tkunx diġà applikabbli sospensjoni temporanja taħt il-leġislazzjoni nazzjonali.

---

⇩ ġdid

3. L-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn għandha tiġi sospiża awtomatikament matul il-perijodu li l-appell jitressaq fl-ewwel istanza u, meta dak l-appell ikun ġie ppreżentat fil-perijodu stabbilit, waqt l-eżami tal-appell, meta jkun hemm ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement. Jekk jiġi ppreżentat appell ulterjuri kontra l-ewwel deċiżjoni ta' appell jew deċiżjoni ta' appell sussegwenti, u fil-każijiet l-oħra kollha, l-infurzar tad-

deċiżjoni ta' ritorn ma għandhiex tiġi sospiża ħlief jekk qorti jew tribunal jiddeċiedi mod ieħor filwaqt li jqis b'mod xieraq iċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ individwali fuq talba tal-applikant jew filwaqt li jaġixxi *ex officio*.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li deċiżjoni fuq it-talba għal sospensjoni temporanja tal-infurzar ta' deċiżjoni ta' ritorn tittieħed fi żmien 48 siegħa mill-preżentazzjoni ta' talba bħal din miċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat. F'każijiet individwali li jinvolvu kwistjonijiet kumplessi ta' fatt jew ta' liġi, il-limiti ta' żmien stabbiliti f'dan il-paragrafu jistgħu jiġu estiżi, kif xieraq, mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti.

Meta l-ebda element jew sejba ġdida rilevanti ma jkunu rriżultaw jew ġew ippreżentati miċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat li jimmodifikaw b'mod sinifikanti ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali, l-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta:

(a) ir-raġuni għas-sospensjoni temporanja msemmija tkun ġiet ivvalutata fil-kuntest ta' proċedura mwettqa fl-applikazzjoni tar-Regolament (UE) …/… [ir-*Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil*] u kienet soġġetta għal rieżami ġudizzjarju effettiv f'konformità mal-Artikolu 53 ta' dak ir-Regolament;

(b) id-deċiżjoni ta' ritorn tkun il-konsegwenza tad-deċiżjoni li jintemm is-soġġorn legali li ttieħdet wara tali proċeduri.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu termini ta' żmien u regoli meħtieġa oħra sabiex jiżguraw l-eżerċitar tad-dritt għal rimedju effettiv skont dan l-Artikolu.

L-Istati Membri għandhom jagħtu perijodu li ma jaqbiżx ħamest ijiem biex jippreżentaw appell kontra deċiżjoni ta' ritorn meta tali deċiżjoni tkun il-konsegwenza ta' deċiżjoni finali li tirrifjuta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali meħuda f'konformità mar-Regolament (UE)…/… [*Ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil*].

---

🡻 2008/115/KE

5~~3~~. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jkollu l-possibbiltà li jikseb parir legali, rappreżentanza u, fejn meħtieġ, assistenza lingwistika.

6~~4~~. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assistenza legali meħtieġa u/jew rappreżentazzjoni tingħata, meta mitluba, mingħajr ħlas skont il-leġislazzjoni nazzjonali rilevanti jew ir-regoli dwar għajnuna legali u tista' tipprovdi li assistenza legali mingħajr ħlas u/jew rappreżentazzjoni tkun suġġetta għall-kondizzjonijiet kif stipulati fl-Artikolu 15(3) sa (6) tad-Direttiva 2005/85/KE.

*Artikolu 17~~14~~*

**Salvagwardji sakemm iseħħ ir-ritorn**

1. L-Istati Membri għandhom, bl-eċċezzjoni tas-sitwazzjoni koperta fl-Artikoli 19~~16~~ u 20~~17~~, jiżguraw li sa fejn ikun possibbli jiġu kkunsidrati l-prinċipji li ġejjin fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi matul il-perijodu għal tluq volontarju mogħti skont l-Artikolu 9~~7~~ u matul perjodi li fihom it-tneħħija tkun ġiet posposta skont l-Artikolu 11~~9~~:

(a) tinżamm l-għaqda tal-familja ma' membri tal-familja preżenti fit-territorju tagħhom;

(b) jingħataw kura tas-saħħa f'emerġenza u trattament essenzjali ta' mard;

(c) jingħata aċċess lill-minuri għas-sistema bażika tal-edukazzjoni soġġett għat-tul tas-soġġorn tagħhom;

(d) jittieħed kont tal-bżonnijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-persuni msemmijin fil-paragrafu 1 konferma bil-miktub skond il-leġislazzjoni nazzjonali li l-perijodu għat-tluq volontarju ġie estiż skont l-Artikolu 9~~7~~(2) jew li d-deċiżjoni ta' ritorn mhix ser tiġi infurzata temporanjament.

# KAPITOLU IV
# DETENZJONI GĦALL-GĦAN TA' TNEĦĦIJA

---

| |
|---|
| 🡻 2008/115/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |

*Artikolu 18~~15~~*

**Detenzjoni**

1. Dment li ma jistgħux jiġu applikati b'mod effettiv miżuri oħrajn suffiċjenti iżda inqas ~~koersivi~~ koerċittivi fil-każ speċifiku, l-Istati Membri jistgħu ~~biss~~ iżommu f'detenzjoni ċittadin ta' pajjiż terz, li hu soġġett għal proċeduri ta' ritorn biex jitħejja r-ritorn u/jew jitwettaq il-proċess ta' tneħħija, partikolarment meta:

(a) jkun hemm riskju ta' ħarba ⇨ li jiġi ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 6; ⇦ ~~jew~~

(b) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jevita jew ifixkel it-tħejjija tar-ritorn jew il-proċess ta' tneħħija;~~.~~ ⌦ jew ⌫

---

| |
|---|
| ⇩ ġdid |

(c) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jippreżenta riskju għall-politika pubblika, is-sigurtà pubblika jew is-sigurtà nazzjonali.

Ir-raġunijiet kollha għad-detenzjoni għandhom jiġu stipulati fil-liġi nazzjonali.

---

| |
|---|
| 🡻 2008/115/KE |

Kwalunkwe detenzjoni għandha tkun għal perijodu kemm jista' jkun qasir u għandha tinżamm biss sakemm l-arranġamenti ta' tneħħija jkunu qed isiru u jitwettqu bid-diliġenza dovuta.

2. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata minn awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji.

Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata bil-miktub bir-raġunijiet fil-fatt u fid-dritt.

Meta d-detenzjoni tkun ġiet ordnata minn awtoritajiet amministrattivi, l-Istati Membri għandhom:

(a) jew jipprovdu reviżjoni ġudizzjarja rapida tal-legalità tad-detenzjoni li trid tiġi deċiża malajr kemm jista' jkun mill-bidu tad-detenzjoni,

(b) jew jagħtu liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat id-dritt li jieħu proċedimenti li permezz tagħhom il-legalità tad-detenzjoni għandha tkun soġġetta għal reviżjoni ġudizzjarja rapida li trid tiġi deċiża malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tal-proċedimenti rilevanti. F'dan il-każ, l-Istati Membri għandhom minnufih jinfurmaw liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat dwar il-possibbiltà li jieħu tali proċedimenti.

Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jiġi rilaxxat minnufih jekk id-detenzjoni ma tkunx legali.

3. F'kull każ, id-detenzjoni għandha tiġi riveduta f'intervalli raġonevoli ta' żmien jew b'applikazzjoni miċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jew *ex officio*. Fil-każ ta' perijodi ta' detenzjoni mtawla, ir-reviżjonijiet għandhom ikunu soġġetti għas-superviżjoni ta' awtorità ġudizzjarja.

4. Meta jkun jidher li ma għadux jeżisti prospett raġonevoli ta' tneħħija għal konsiderazzjonijiet legali jew oħrajn jew il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ma għadhomx aktar jeżistu, id-detenzjoni ma tibqax ġustifikata u l-persuna kkonċernata għandha tkun rilaxxata minnufih.

---

| ➔ 2008/115/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

5. Id-detenzjoni għandha titkompla għal tul ta' perijodu meħtieġ biex il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 jiġu sodisfatti u biex tiġi żgurata t-tneħħija b'suċċess. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi perijodu ~~limitat~~ ⇨ massimu ⇦ ta' detenzjoni~~,~~ ~~li ma jistax jeċċedi~~ ⇨ ta' mhux anqas minn tliet xhur u mhux aktar minn ⇦ sitt xhur.

---

| ➔ 2008/115/KE |
|---|

6. L-Istati Membri jistgħu ma jestendux il-perijodu msemmi fil-paragrafu 5 ħlief għal perijodu limitat li ma jeċċedix it-tnax-il xahar oħra skont il-liġi nazzjonali f'każijiet fejn minkejja l-isforzi raġonevoli kollha tagħhom l-operazzjoni ta' tneħħija tista' ddum minħabba:

(a) nuqqas ta' kooperazzjoni miċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, jew

(b) dewmien fil-kisba tad-dokumentazzjoni neċessarja minn pajjiżi terzi.

*Artikolu 19~~16~~*

**Kondizzjonijiet tad-detenzjoni**

1. Id-detenzjoni għandha titwettaq bħala regola f'faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni. Meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprovdi akkomodazzjoni f'faċilità speċjalizzata ta' detenzjoni u jkun obbligat jirrikorri għal akkomodazzjoni f'ħabs, iċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jkunu detenuti għandhom ikunu mifrudin mill-priġunieri ordinarji.

2. Iċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi f’detenzjoni għandhom jitħallew - fuq talba - jistabbilixxu kuntatt fi żmien dovut ma' rappreżentanti legali, membri tal-familja u awtoritajiet konsulari kompetenti.

3. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni ta’ persuni vulnerabbli. Għandhom jingħataw kura tas-saħħa f'emerġenza u trattament essenzjali għal mard.

4. Organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u nongovernattivi rilevanti u kompetenti għandu jkollhom il-possibbiltà li jżuru l-faċilitajiet ta’ detenzjoni, kif imsemmi fil-paragrafu 1 sa fejn huma użati għad-detenzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi skont dan il-Kapitolu. Żjarat bħal dawn jistgħu jkunu soġġetti għal awtorizzazzjoni.

5. Ċittadini ta’ pajjiżi terzi miżmumin f’detenzjoni għandhom ikunu sistematikament provduti b'informazzjoni li tispjega r-regoli applikati fil-faċilità u li tindika d-drittijiet u l-obbligi tagħhom. Din l-informazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar id-dritt tagħhom skont il-liġi nazzjonali li jagħmlu kuntatt mal-organizzazzjonijiet u l-korpi msemmijin fil-paragrafu 4.

*Artikolu* 20~~17~~

**Detenzjoni ta' minuri u ta’ familji**

1. Minuri mhux akkumpanjati u familji b'minuri għandhom jiġu detenuti biss bħala l-aħħar miżura u għall-iqsar perijodu ta’ żmien adatt.

2. Familji miżmumin f’detenzjoni sakemm titwettaq it-tneħħija għandhom jiġu provduti b'akkomodazzjoni separata li tiggarantixxi privatezza adegwata.

3. Minuri f’detenzjoni għandu jkollhom il-possibbiltà li jinvolvu ruħhom f’attivitajiet ta’ ħin liberu, inkluż attivitajiet ta’ logħob u rikreazzjoni adatti għall-età tagħhom, u għandu jkollhom, skond it-tul tas-soġġorn tagħhom, aċċess għall-edukazzjoni.

4. Minuri mhux akkumpanjati għandhom, sa fejn hu possibbli, ikunu provduti b’akkomodazzjoni f’istituzzjonijiet provduti b’persunal u faċilitajiet li jieħdu kont tal-bżonnijiet tal-persuni tal-età tagħhom.

5. L-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu l-konsiderazzjoni primarja fil-kuntest tad-detenzjoni ta’ minuri sakemm titwettaq it-tneħħija.

*Artikolu* 21~~18~~

**Sitwazzjonijiet ta' emerġenza**

1. F’każijiet fejn għadd eċċezzjonalment kbir ta’ ċittadini ta’ pajjiż terz li għandhom jintbagħtu lura jkun ta’ piż kbir mhux previst fuq il-kapaċità tal-faċilitajiet ta’ detenzjoni ta’ Stat Membru jew fuq il-persunal amministrattiv jew ġudizzjarju tiegħu, dak l-Istat Membru jista’, sakemm tippersisti s-sitwazzjoni eċċezzjonali, jiddeċiedi li jippermetti perijodi għar-reviżjoni ġudizzjarja itwal minn dawk stabbiliti fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 18~~15~~(2) u li jieħu miżuri urġenti dwar il-kondizzjonijiet tad-detenzjoni li jidderogaw minn dawk stabbiliti fl-Artikoli 19~~16~~(1) u 20~~17~~(2).

2. Meta jirrikorri għal dawn il-miżuri eċċezzjonali, l-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Kummissjoni. Huwa għandu wkoll jgħarraf lill-Kummissjoni hekk kif ir-raġunijiet għall-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri eċċezzjonali ma jkunux għadhom jeżistu.

3. L-ebda parti minn dan l-Artikolu ma għandha tiġi interpretata bħala li tippermetti lill-Istati Membri jidderogaw mill-obbligu ġenerali tagħhom biex jieħdu l-miżuri kollha xierqa, kemm ġenerali jew partikolari, li jiżguraw it-twettiq tal-obbligi tagħhom taħt din id-Direttiva.

---

⇩ ġdid

# KAPITOLU V
# PROĊEDURA FUQ IL-FRUNTIERA

*Artikolu 22*

**Proċedura fuq il-fruntiera**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri ta' ritorn applikabbli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment soġġetti għal obbligu ta' ritorn wara deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali meħuda bis-saħħa tal-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) …/… …/… [*Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil*].

2. Minbarra meta jkun previst mod ieħor f'dan il-Kapitolu, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli II, III u IV japplikaw għal proċeduri ta' ritorn imwettqa f'konfomità mal-paragrafu 1.

3. Id-deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa fi proċeduri ta' ritorn imwettqa f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jingħataw permezz ta' formola standard kif stabbilit skont il-leġislazzjoni nazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 15(3).

4. Ma għandux jingħata perijodu għat-tluq volontarju. L-Istati Membri, madankollu, għandhom jagħtu perijodu xieraq għat-tluq volontarju f'konformità mal-Artikolu 9 lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom dokument validu tal-ivvjaġġar u li jissodisfaw l-obbligu ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċeduri ta' ritorn stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 7. L-Istati Membri għandhom jobbligaw liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati li jgħaddu d-dokument tal-ivvjaġġar validu lill-awtorità kompetenti sat-tluq.

5. L-Istati Membri għandhom jagħtu perijodu li ma jaqbiżx it-48 siegħa biex jappellaw kontra d-deċiżjonijiet ta' ritorn ibbażati fuq deċiżjoni finali li tirrifjuta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali meħuda bis-saħħa tal-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) …/… [*ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil*] fil-fruntiera jew f'żoni ta' tranżitu tal-Istati Membri.

6. L-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn matul il-perijodu biex l-appell jiġi ppreżentat fl-ewwel istanza u, meta l-appell ikun ġie ppreżentat fi żmien il-perijodu stabbilit, matul l-eżami tal-appell, għandu jiġi sospiż awtomatikament meta jkun hemm riskju ta' ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement u tkun tapplika waħda miż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

   (a) ikunu rriżultaw jew ġew ippreżentati elementi ġodda miċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat wara deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali meħuda bis-saħħa tal-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) …/… [*ir-Regolament dwaril-Proċedura tal-Asil*], li jimmodifikaw b'mod sinifikanti ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali; jew

(b) id-deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali meħuda bis-saħħa tal-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) …/… [ir-*Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil*] ma kinitx soġġetta għal rieżami ġudizzjarju effettiv f'konformità mal-Artikolu 53 ta' dak ir-Regolament.

Meta jiġi ppreżentat appell ulterjuri kontra l-ewwel deċiżjoni ta' appell jew deċiżjoni sussegwenti, u fil-każijiet l-oħra kollha, l-infurzar tad-deċiżjoni tar-ritorn ma għandux jiġi sospiż sakemm qorti jew tribunal ma jiddeċidix mod ieħor filwaqt li jqis iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali fuq it-talba tal-applikant jew filwaqt li jaġixxi *ex officio*.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu li deċiżjoni fuq it-talba tal-persuna kkonċernata għal sospensjoni temporanja tal-infurzar ta' deċiżjoni ta' ritorn għandha tittieħed fi żmien 48 siegħa mill-preżentazzjoni ta' tali talba miċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat. F'każijiet individwali li jinvolvu kwistjonijiet kumplessi ta' fatt jew ta' liġi, il-limiti ta' żmien stabbiliti f'dan il-paragrafu jistgħu jiġu estiżi kif xieraq mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti.

7. Sabiex jitħejja r-ritorn jew jitwettaq il-proċess ta' tneħħija, jew it-tnejn li huma, l-Istati Membri jistgħu jżommu f'detenzjoni ċittadin ta' pajjiż terz li jkun ġie detenut f'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva (UE) …/… [*riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza*] fil-kuntest ta' proċedura mwettqa bis-saħħa tal-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) …/… [ir-*Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil*], u li huwa soġġett għal proċeduri ta' ritorn skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.

Id-detenzjoni għandha tkun għal perijodu qasir kemm jista' jkun, li ma għandu fl-ebda każ jaqbeż l-erba' xhur. Jista' jinżamm biss sakemm l-arranġamenti ta' tneħħija jkunu għaddejjin u jiġu eżegwiti bid-diliġenza dovuta.

Meta d-deċiżjoni ta' riton ma tkunx tista' tiġi infurzata fil-perijodu massimu msemmi f'dan il-paragrafu, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jista' jinżamm detenut ulterjorment f'konformità mal-Artikolu 18.

---

🡻 2008/115/KE (adattat)

# KAPITOLU VI~~V~~
# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 23~~19~~*

**Rappurtar**

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull tliet snin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fl-Istati Membri u, jekk ikun il-każ, tipproponi emendi.

~~Il-Kummissjoni għandha tirraporta għall-ewwel darba 24 ta' Diċembru 2013 u f'din l-okkażjoni għandha tiffoka b'mod partikolari fuq l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 11, l-Artikolu 13(4) u l-Artikolu 15 fl-Istati Membri. F'rabta ma' l-Artikolu 13(4) il-Kummissjoni għandha tevalwa partikolarment l-impatt finanzjarju u amministrattiv addizzjonali fl-Istati Membri.~~

*~~Artikolu 20~~*

**~~Traspożizzjoni~~**

~~1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Fir-rigward ta' l-Artikolu 13 (4), l-Istati Membri għandu idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa' l-24 ta' Diċembru 2011. Dawn għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.~~

~~Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew jinkludu referenza għaliha meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir referenza bħal din.~~

~~2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.~~

*Artikolu 24~~21~~*

**Relazzjoni mal-Konvenzjoni ta' Schengen**

Din id-Direttiva tissostitwixxi d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 23 u 24 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen.

---

| ↓ |
|---|

*Artikolu 25*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi mal-Artikoli 6 sa 10, l-Artikoli 13 u 14(3), l-Artikolu 16, l-Artikolu 18 u l-Artikolu 22 sa [*sitt xhur wara l-jum tad-dħul fis-seħħ*] u mal-Artikolu 14(1) u (2) sa [*sena wara l-jum tad-dħul fis-seħħ*]. Dawn għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'referenza meta dawn jiġu ppubblikati uffiċjalment. Għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni li fiha jingħad li kull meta fil-liġijiet, fir-regolamenti u fid-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti jkun hemm referenzi għad-Direttiva mħassra minn din id-Direttiva dawk għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir dik ir-referenza u kif għandha titfassal dik id-dikjarazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva..

*Artikolu 26*

**Tħassir**

Id-Direttiva 2008/115/KE hija mħassra b'effett minn […] **[***il-jum wara d-data stabbilita fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 25(1)***]**, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri

fir-rigward tal-limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva stabbilita fl-Anness I.

Ir-referenzi għad-Direttiva rrevokata għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u jinqraw b'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni mogħtija fl-Anness II.

---

↓ 2008/115/KE

*Artikolu ~~22~~ 27*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

↓

L-Artikoli […] [*artikoli li ma jinbidlux meta mqabbla mad-Direttiva rrevokata*] għandhom japplikaw minn […] [*jum wara t-tieni data msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 25(1)*].

---

↓ 2008/115/KE (adattat)

*Artikolu 28 ~~23~~*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-~~Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea~~ ⌦ Trattati ⌫ .

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |